



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0148/2024**

22.3.2024

\*\*\*|

# **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik  
(COM(2023)0645 – C9-0378/2023 – 2023/0373(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: João Albuquerque

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:  
Maria Spyraki, Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

## **WERREJ**

### **Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	52
ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM .....	54
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA .....	55
PROċEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	63
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	64



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik (COM(2023)0645 – C9-0378/2023 – 2023/0373(COD))**

### **(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0645),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0378/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew tal-14 ta' Frar 2024<sup>1</sup>,
  - wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0148/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

## Emenda 1

### Proposta għal regolament

#### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-mikroplastiks jinsabu kullimkien, huma persistenti u transfruntiera. Huma ta' detriment għall-ambjent u ***potenzjalment*** ta' ħsara għal saħħet il-bniedem. Il-mikroplastiks jiġu ttrasportati faċilment mill-ajru u mill-ilmjiet tal-wiċċi tal-art u mill-kurrenti tal-oċeani, u l-mobbiltà tagħhom hija fattur aggravanti. Jinsabu fil-ħamrija (inklużi l-artijiet agrikoli), fil-lagi, fix-xmajar, fl-estwarji, fil-bajjet, fil-laguni, fl-ibħra, fl-oċeani u f'reġjuni remoti, li darba kienu f'kundizzjoni perfetta, u l-preżenza tagħhom fil-ħamrija ***jista'*** jkollha effetti fuq il-proprietajiet tal-ħamrija u tikkawża alterazzjonijiet fil-ħamrija li jħallu impatt negattiv fuq it-tkabbir ta' xi pjanti. L-impatti tal-mikroplastiks fuq l-ambjent tal-baħar ġew iddokumentati b'mod estensiv. Ladarba jispiċċaw fl-ambjent tal-baħar, il-mikroplastiks huma kważi impossibbli li jingħabru, u huma magħrufa li jittieklu minn firxa ta' organiżmi u annimali u jikkawżaw ħsara lill-bijodiversità u lill-ekosistemi. Il-persistenza ta' pellets tal-plastik fl-ambjent akkwatiku tista' titkejjel fuq għexieren ta' snin jew aktar, u l-inġestjoni ta' pellets tal-plastik minn organiżmi selvaġġi tal-baħar, b'mod partikolari għasafar tal-baħar u fkieren tal-baħar, tista' tikkawża ħsara fiżika jew mewt. Il-mikroplastiks jikkontribwixxu wkoll għat-tibdil fil-klima bħala sors addizzjonal kemm tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll tal-pressjoni fuq l-ekosistemi. Il-potenzjal tal-mikroplastiks li jaġixxu bħala portatur għal sustanzi tossiċi adsorbi jew mikroorganiżmi patoġeniċi huwa parti integrali mill-problema. Il-bnedmin huma esposti għal mikroplastiks permezz tal-

*Emenda*

(1) Il-mikroplastiks jinsabu kullimkien, huma persistenti u transfruntiera. Huma ta' detriment għall-ambjent u ta' ħsara għal saħħet il-bniedem, ***b'mod partikolari minħabba l-preżenza ta' addittivi kimiċi ta' ħsara u susstanzi oħra ta' tħassib miżjud matul il-produzzjoni u l-konverżjoni, bħal ftalati, bisfenol A, jew ritardanti tal-fjammija***<sup>1a</sup>. Il-mikroplastiks jiġu ttrasportati faċilment mill-ajru u mill-ilmjiet tal-wiċċi tal-art u mill-kurrenti tal-oċeani, u l-mobbiltà tagħhom hija fattur aggravanti. Jinsabu fil-ħamrija (inklużi l-artijiet agrikoli), fil-lagi, fix-xmajar, fl-estwarji, fil-bajjet, fil-laguni, fl-ibħra, fl-oċeani u f'reġjuni remoti, li darba kienu f'kundizzjoni perfetta, u l-preżenza tagħhom fil-ħamrija jkollha effetti fuq il-proprietajiet tal-ħamrija u tikkawża alterazzjonijiet fil-ħamrija li jħallu impatt negattiv fuq it-tkabbir ta' xi pjanti. L-impatti tal-mikroplastiks fuq l-ambjent tal-baħar ġew iddokumentati b'mod estensiv. Ladarba jispiċċaw fl-ambjent tal-baħar, il-mikroplastiks huma kważi impossibbli li jingħabru, u huma magħrufa li jittieklu minn firxa ta' organiżmi u annimali u jikkawżaw ħsara lill-bijodiversità u lill-ekosistemi. Il-persistenza ta' pellets tal-plastik fl-ambjent akkwatiku tista' titkejjel fuq għexieren ta' snin jew aktar, u l-inġestjoni ta' pellets tal-plastik minn organiżmi selvaġġi tal-baħar, b'mod partikolari għasafar tal-baħar u fkieren tal-baħar, tista' tikkawża ħsara fiżika jew mewt. Il-mikroplastiks jikkontribwixxu wkoll għat-tibdil fil-klima bħala sors addizzjonal kemm tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll tal-pressjoni fuq l-ekosistemi. Il-potenzjal tal-mikroplastiks li jaġixxu bħala portatur għal

konsum tal-arja u tal-ikel. Is-sensibilizzazzjoni dejjem akbar tal-preżenza tal-mikroplastiks fil-katina alimentari tista' timmina l-fiduċja tal-konsumatur u jkollha konsegwenzi ekonomiċi. Jista' jkun hemm impatti ekonomiċi negattivi fuq attivitajiet bħas-sajd kummerċjali u l-agrikoltura, kif ukoll ir-rikreazzjoni u t-turiżmu f'żoni affettwati mir-rilaxxi.

sustanzi tossiċi adsorbiti jew mikroorganiżmi patoġeni huwa parti integrali mill-problema. Il-bnedmin huma esposti għal mikroplastiks permezz tal-konsum tal-arja u tal-ikel. Is-sensibilizzazzjoni dejjem akbar tal-preżenza tal-mikroplastiks fil-katina alimentari tista' timmina l-fiduċja tal-konsumatur u jkollha konsegwenzi ekonomiċi. Jista' jkun hemm impatti ekonomiċi negattivi fuq attivitajiet bħas-sajd kummerċjali u l-agrikoltura, kif ukoll ir-rikreazzjoni u t-turiżmu f'żoni affettwati mir-rilaxxi.

---

*1a “Plastic giants polluting through the back door: The case for a regulatory supply-chain approach to pellet pollution” (Il-ġganti fis-settur tal-plastik li jniġġsu b’mod indirett. Il-każ għal approċċ regolatorju tal-katina tal-provvista għat-tniġġis tal-pellets tal-plastik), Surfrider Foundation Europe u Rethink Plastic, Novembru 2020.*

### Ġustifikazzjoni

*L-inklużjoni ta’ addittivi u sustanzi ta’ tħassib hija allinjata mad-definizzjoni tal-pellets tal-plastik żviluppata fir-Rakkomandazzjoni tal-OSPAR 2021/06 dwar it-naqqis tat-telf ta’ pellets tal-plastik fl-ambjent tal-baħar, OSPAR 21/13/I, l-Anness 30.*

## Emenda 2

### Proposta għal regolament

#### Premessa 4

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-impatti tat-tniġġis mill-mikroplastik fuq l-ambjent, u **possibbiment** fuq saħħet il-bniedem, qajmu tħassib fil-biċċa l-kbira tal-partijiet tad-dinja. Xi Stati Membri adottaw jew ipproponew miżuri dedikati. Madankollu, taħlita ta’ restrizzjonijiet nazzjonali tista’ potenzjalment tfixkel il-funzjonament tas-

##### *Emenda*

(4) L-impatti tat-tniġġis mill-mikroplastik fuq l-ambjent, u fuq saħħet il-bniedem, qajmu tħassib fil-biċċa l-kbira tal-partijiet tad-dinja. Xi Stati Membri adottaw jew ipproponew miżuri dedikati. Madankollu, taħlita ta’ restrizzjonijiet nazzjonali tista’ potenzjalment tfixkel il-funzjonament tas-suq intern.

suq intern.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Fl-2021, il-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR) adottaw ir-Rakkmandazzjoni mhux vinkolanti 2021/06<sup>8</sup> biex jitnaqqas it-telf tal-pellets tal-plastik fl-ambjent tal-baħar billi jiġu promossi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni f'waqthom ta' standards u skemi ta' ċertifikazzjoni effettivi u konsistenti tal-prevenzjoni tat-telf tal-pellets għall-katina kollha tal-provvista tal-plastik. Il-miżuri għall-minimizzazzjoni tar-riskju assoċjat mat-trasport tal-pellets tal-plastik bil-baħar qegħdin jiġu eżaminati fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali.

*Emenda*

(7) Fl-2021, il-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR) adottaw ir-Rakkmandazzjoni mhux vinkolanti 2021/06<sup>8</sup> biex jitnaqqas it-telf tal-pellets tal-plastik fl-ambjent tal-baħar billi jiġu promossi l-iżvilupp u l-implimentazzjoni f'waqthom ta' standards u skemi ta' ċertifikazzjoni effettivi u konsistenti tal-prevenzjoni tat-telf tal-pellets għall-katina kollha tal-provvista tal-plastik. Il-miżuri għall-minimizzazzjoni tar-riskju assoċjat mat-trasport tal-pellets tal-plastik bil-baħar qegħdin jiġu eżaminati fl-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (*OMI*) fid-dawl tar-riskju sinifkanti ta' tniġġis katastrofiku assoċjat mat-trasport marittimu tal-pellets tal-plastik. F'dan il-kuntest, l-Unjoni jenħtieġ li ssegwi mill-qrib l-iżviluppi fl-OMI u tassumi rwol ewlieni biex tiżgura livell għoli ta' protezzjoni ambjentali dwar din il-kwistjoni.

---

<sup>8</sup> Ir-Rakkmandazzjoni 2021/06 dwar it-naqqis tat-telf tal-pellets tal-plastik fl-ambjent tal-baħar, 2021.

<sup>8</sup> Ir-Rakkmandazzjoni 2021/06 dwar it-naqqis tat-telf tal-pellets tal-plastik fl-ambjent tal-baħar, 2021.

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 7a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7a) *Fl-Unjoni ġew irreggistrati diversi*

*aċċidenti li wasslu għal tixrid u telf tal-pellets tal-plastik b'impatti transfruntiera, u dan jenfasizza l-ħtieġa urġenti ta' miżuri ambizzjużi u olistiċi biex jitnaqqas b'mod sinifikanti r-riskju ta' tniġġis mill-pellets tal-plastik filwaqt li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' rispons għal tixrid tal-pellets tal-plastik fit-territorji u l-il-mijiet tal-Unjoni.*

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament Premessa 7b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7b) Kważi 90 % tal-merkanzija tad-din ja tgħiġi ttrasportata bil-baħar, inkluż il-pellets tal-plastik. Madankollu, prattiki ħżiena ta' mmaniġġar jew nuqqas ta' superviżjoni ta' ċerti operazzjonijiet ta' rutina, bħat-tindif tal-bwieq jew kontejners, jistgħu jwasslu biex dawn il-pellets jnixxu u jinxterdu fl-oċean. Barra minn hekk, ġew irrapportati ħafna dīza stri marittimi bil-pellets, li jagħmel it-trasport marittimu attività ta' riskju għoli fir-rigward tat-tniġġis mill-pellets tal-plastik. L-impatt ta' telf tal-pellets bħal dan huwa katastrofiku għall-ekosistemi tal-baħar u kostali kif ukoll għall-ispecċijiet li jinsabu fihom, u l-mobbiltà estrema tal-pellets tal-plastik tagħmel l-operazzjonijiet effettivi ta' konteniment u tindif diffiċċi. L-immaniġġar ta' tali pellets huwa rregolat fil-livell internazzjonal bil-Konvenzjoni tal-1972 għal Kontejners Sikuri, u ssupplimentat miċ-ċirkolari tal-2023 tas-Sottokumitat dwar il-Ġarr ta' Merkanzija u Kontejners rigward l-obbligu li jiġu rrapporġati kontejners mitlufa, iż-żda dawn ma jipprovdxi il-garanziji meħtieġa għall-prevenzjoni tat-tniġġis mill-pellets tal-plastik. Għalhekk, l-inklużjoni tat-trasport marittimu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll tad-*

*dispożizzjonijiet relatati mal-immaniġġar ta' pellets tal-plastik speċifiku għal dan il-mod tat-trasport huwa essenzjali sabiex jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Dawn l-elementi huma żviluppati f'diversi rapporti internazzjonali, inkluż ir-Rapport "Stemming the tide: putting an end to plastic pellet pollution" (Inwaqqfu l-marea: it-tmiem tat-tniġġis tal-pellets tal-plastik) ippubblikat mill-NGO Fauna and Flora International fl-2022 u d-Dokument intitolat "OSPAR Background document on pre-production Plastic Pellets" (Dokument ta' sfond tal-OSPAR dwar Dmugħ is-Sireni) (2018).*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 9**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Minkejja l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart, tat-tniġġis, tal-iskart fil-baħar u tas-sustanzi kimiċi, ma hemm l-ebda regola speċifika tal-Unjoni li tipprevjeni t-telf tal-pellets bħala sors ta' tniġġis mill-mikroplastik tul il-katina kollha tal-provvista. Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup> tistabbilixxi prinċipji bażiċi għall-immaniġġar tal-iskart u timponi obbligi ġenerali għall-Istati Membri sabiex jieħdu miżuri għall-prevenzjoni tal-ħolqien tal-iskart. Dawk l-obbligi ġenerali jenħtieġ li jiġu kkomplementati billi jiġu indirizzati aspetti u rekwiżiti speċifiċi għall-immaniġġar bir-reqqa ta' pellets tal-plastik sabiex jiġi evitat li dawn ***isiru skart***.

##### *Emenda*

(9) Minkejja l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart, tat-tniġġis, tal-iskart fil-baħar u tas-sustanzi kimiċi, ma hemm l-ebda regola speċifika tal-Unjoni li tipprevjeni t-telf tal-pellets bħala sors ta' tniġġis mill-mikroplastik tul il-katina kollha tal-provvista. Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>10</sup> tistabbilixxi prinċipji bażiċi għall-immaniġġar tal-iskart u timponi obbligi ġenerali għall-Istati Membri sabiex jieħdu miżuri għall-prevenzjoni tal-ħolqien tal-iskart. Dawk l-obbligi ġenerali jenħtieġ li jiġu kkomplementati billi jiġu indirizzati aspetti u rekwiżiti speċifiċi għall-immaniġġar bir-reqqa ta' pellets tal-plastik sabiex jiġi evitat li dawn ***joħorġu fl-ambjent***.

---

<sup>10</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

---

<sup>10</sup> Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(9a) Dan ir-Regolament jipprevedi miżuri għall-prevenzjoni, għall-konteniment u għat-tindif tat-tniġġis mill-pellets tal-plastik li jseħħ wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, iżda ma jipprevedix miżuri biex jiġi indirizzat it-tniġġis eżistenti. It-tindif tal-ħamrija, tax-xmajjar u tan-nixxigħat, u r-restawr tal-ekosistemi terrestri, tal-baħar, littorali u kostali degradati huwa essenzjali biex sal-2030 tintlaħhaq il-mira ta' tnaqqis ta' 30 %, skont l-objettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, u l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa sett ta' miżuri biex jiġu identifikati u jitnaddfu dawk iż-żoni li digħà mniġġsa, u timplimentahom jew bħala parti minn strateġija Ewropea għatt-tindif mit-tniġġis tal-mikroplastik, jew permezz ta' miżuri ta' appoġġ u akkumpanjament għall-Istati Membri. B'mod aktar ġenerali, l-Unjoni jenħtieġ li tkun involuta fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet tul il-katina tal-valur kollha, u jenħtieġ li tinkludi tali soluzzjonijiet fin-negozjati li għaddejjin dwar l-iżvilupp ta' Trattat internazzjonali dwar it-Tniġġis mill-Plastik, kif ukoll fil-81 sessjoni li jmiss tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-IMO (IMO MEPC).*

---

<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 (ĠU L, ...).

## Emenda 8

## Proposta għal regolament

### Premessa 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055 jindirizza t-telf ta' mikropartikoli tal-polimeru sintetiku għall-użu f'siti industrijali, jiġifieri l-pellets tal-plastik, bħala rilaxxi li jistgħu jiġu evitati. Għal dawn ir-rilaxxi, ġie introdott rekwiżit ta' rapportar għal kwantità stmata ta' mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent fuq bażi annwali. ***Filwaqt li ma hemmx*** metodoloġija sabiex jiġi stmat it-telf, dan ir-rekwiżit se jżid l-informazzjoni dwar it-telf tal-pellets u jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni miġbura sabiex jiġu vvalutati r-riskji li jirriżultaw minn dawn il-mikroplastiks fil-futur.

#### *Emenda*

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055 jindirizza t-telf ta' mikropartikoli tal-polimeru sintetiku għall-użu f'siti industrijali, jiġifieri l-pellets tal-plastik, bħala rilaxxi li jistgħu jiġu evitati. Għal dawn ir-rilaxxi, ġie introdott rekwiżit ta' rapportar għal kwantità stmata ta' mikroplastiks rilaxxati fl-ambjent fuq bażi annwali. ***Madankollu, dan ir-rekwiżit ta' rapportar*** ma ***għandux*** metodoloġija sabiex jiġi stmat it-telf, ***u jipprovdi biss stimi annwali***. ***Filwaqt li*** dan ir-rekwiżit se jżid l-informazzjoni dwar it-telf tal-pellets u jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni miġbura sabiex jiġu vvalutati r-riskji li jirriżultaw minn dawn il-mikroplastiks fil-futur, ***ma huwiex biżżejjed biex jagħti ħarsa ġenerali tan-natura speċifika tat-telf u l-kawżi tiegħu***.

### Emenda 9

## Proposta għal regolament

### Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) L-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE jenħtieġ li jimplimentaw ir-rekwiżiti dwar l-immaniġġar ta' pellets tal-plastik billi jsegwu ordni ta' priorità ta' azzjoni bl-għan ewlieni li jipprevvjenu r-rilaxx tal-pellets fl-ambjent bħala l-priorità ewlenija. Għalhekk, il-prevenzjoni tat-tixrid ta' pellets tal-plastik minn konteniment ***primarju*** matul l-immaniġġar ta' rutina, u b'hekk it-naqqis tar-riskju ta' tixrid sal-aktar livell baxx possibbli, jenħtieġ li tkun l-ewwel pass, inkluż billi jiġi evitat kwalunkwe mmaniġġar mhux meħtieġ (pereżempju billi jitnaqqsu l-punti ta' trasferiment), u billi jintuża imballaġġ li

#### *Emenda*

(15) L-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE jenħtieġ li jimplimentaw ir-rekwiżiti dwar l-immaniġġar ta' pellets tal-plastik billi jsegwu ordni ta' priorità ta' azzjoni bl-għan ewlieni li jipprevvjenu r-rilaxx tal-pellets fl-ambjent bħala l-priorità ewlenija. Għalhekk, il-prevenzjoni tat-tixrid ta' pellets tal-plastik minn konteniment matul l-immaniġġar ta' rutina, u b'hekk it-naqqis tar-riskju ta' tixrid sal-aktar livell baxx possibbli, jenħtieġ li tkun l-ewwel pass, inkluż billi jiġi evitat kwalunkwe mmaniġġar mhux meħtieġ (pereżempju billi jitnaqqsu l-punti ta' trasferiment), u billi ***jiġu tikkettati l-***

**ma jittaqqabx**, segwita mill-konteniment tal-pellets imxerrdin biex jiġi żgurat li ma jintilfux fl-ambjent, u eventwalment billi jitnaddfu wara avveniment ta' tixrid jew telf, bħala l-pass finali.

**kontejners ta' ħżin u trasport kollha li jkun fihom pellets tal-plastik kif ukoll** billi jintuża imballaġġ **adegwat**, segwita mill-konteniment tal-pellets imxerrdin biex jiġi żgurat li ma jintilfux fl-ambjent, u eventwalment billi jitnaddfu wara avveniment ta' tixrid jew telf, bħala l-pass finali.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Premessa 16

##### *Test propos mill-Kummissjoni*

(16) Filwaqt li l-għan huwa li **jiġi evitat it-telf** ta' pellets tal-plastik fl-ambjent għall-operaturi ekonomiċi kollha, **it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE**, jenħtieġ li l-obbligi għall-intrapriżi mikro, **żgħar u ta' daqs medju** jiġu aġġustati biex jittaffa l-piż fuqhom.

##### *Emenda*

(16) Filwaqt li l-għan huwa li **jinkiseb zero telf** ta' pellets tal-plastik fl-ambjent għall-operaturi ekonomiċi kollha, jenħtieġ li l-obbligi għall-intrapriżi mikro **u l-intrapriżi li jippani minn 1 000 tunnellata ta' pellets tal-plastik fissa** jiġu aġġustati biex jittaffa l-piż fuqhom.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Premessa 18

##### *Test propos mill-Kummissjoni*

(18) Sabiex jiġi evitat it-telf ta' pellets tal-plastik, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jistabbilixxu, jimplimentaw, u jaġġornaw f'kull ħin pjan ta' valutazzjoni tar-riskju li jidentifika l-potenzjal għat-tixrid u t-telf, u li jiddokumenta b'mod partikolari t-tagħmir u l-proċeduri spċifici fis-seħħ għall-prevenzjoni, il-konteniment u t-tindif tat-telf tal-pellets, filwaqt li jitqiesu d-daqs tal-installazzjoni u l-iskala tal-operazzjonijiet.

##### *Emenda*

(18) Sabiex jiġi evitat it-telf ta' pellets tal-plastik **u jinkiseb telf zero tal-pellets tal-plastik**, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jistabbilixxu, jimplimentaw, u jaġġornaw f'kull ħin pjan ta' valutazzjoni tar-riskju li jidentifika l-potenzjal għat-tixrid u t-telf, u li jiddokumenta b'mod partikolari t-tagħmir u l-proċeduri spċifici fis-seħħ għall-prevenzjoni, il-konteniment u t-tindif tat-telf tal-pellets, filwaqt li jitqiesu d-daqs tal-installazzjoni u l-iskala tal-operazzjonijiet.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 20

*Test propos mill-Kummissjoni*

(20) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li **jkunu jistgħu jagħżlu** t-tagħmir speċifiku li jridu jinstallaw jew **il-proċedura** li jridu jeżegwixxu. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li jivverifikaw il-konformità, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi jemendaw il-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju, inkluż billi jieħdu, f'perjodu ta' żmien partikolari, kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet elenkti f'dan ir-Regolament biex jiżguraw implementazzjoni adegwata tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

(20) L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li **jistabbilixxu** t-tagħmir speċifiku li jridu jinstallaw jew **il-proċeduri** li jridu jeżegwixxu. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li jivverifikaw il-konformità, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi jemendaw il-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju, inkluż billi jieħdu, f'perjodu ta' żmien partikolari, kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet elenkti f'dan ir-Regolament biex jiżguraw implementazzjoni adegwata tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. **L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu eżentati milli jinstallaw ċerti tipi ta' tagħmir jew milli jadottaw ċerti miżuri jekk jiġi jidher kif xieraq tali eżenzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti, u jqis u n-natura u d-daqi tal-installazzjoni u l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha. L-intrapriżi mikro jenħtieġ li jqis u tal-anqas it-tagħmir speċifiku li jrid jiġi installat jew il-proċeduri li jridu jiġu eżegwiti, filwaqt li jqis u n-natura u d-daqi tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha.**

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 23

*Test propos mill-Kummissjoni*

(23) L-implementazzjoni b'suċċess tal-azzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat it-telf ta' pellets tal-plastik tirrikjedi l-kooperazzjoni u l-impenn sħaħ tal-impiegati tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi tal-UE u ta' dawk mhux tal-UE. L-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi

*Emenda*

(23) L-implementazzjoni b'suċċess tal-azzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat it-telf ta' pellets tal-plastik **u jinkiseb telf zero tal-pellets tal-plastik** tirrikjedi l-kooperazzjoni u l-impenn sħaħ tal-impiegati tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi tal-UE u ta' dawk mhux tal-

tal-UE jenħtieġ li jkunu meħtieġa jħarrġu lill-persunal tagħhom skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet spċifici tal-impjegati tagħhom sabiex jiżguraw li jkunu konxji tat-tagħmir u jkunu jistgħu jużaw it-tagħmir u jeżegwixxu l-proċeduri meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan Regolament. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE jkunu meħtieġa wkoll jimmonitorjaw u jżommu rekords tal-azzjonijiet rilevanti sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, pereżempju, it-tqegħid ta' apparat ġdid ta' qbid. Fejn xieraq, jenħtieġ li jadottaw azzjonijiet korrettivi inkluż, fejn meħtieġ, it-titjib tat-tagħmir u tal-proċeduri fis-seħħ.

UE. L-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE jenħtieġ li jkunu meħtieġa jħarrġu lill-persunal tagħhom skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet spċifici tal-impjegati tagħhom sabiex jiżguraw li jkunu konxji tat-tagħmir u jkunu jistgħu jużaw it-tagħmir u jeżegwixxu l-proċeduri meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan Regolament. Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE jkunu meħtieġa wkoll jimmonitorjaw u jżommu rekords tal-azzjonijiet rilevanti sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, pereżempju, it-tqegħid ta' apparat ġdid ta' qbid. Fejn xieraq, jenħtieġ li jadottaw azzjonijiet korrettivi inkluż, fejn meħtieġ, it-titjib tat-tagħmir u tal-proċeduri fis-seħħ.

## Emenda 14

### Proposta għal regolament

#### Premessa 24

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) L-intrapriżi ta' daqs medju u ***kbir*** li joperaw installazzjonijiet li fihom il-pellets tal-plastik jiġu mmaniġġati fi kwantitatjiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata jistgħu jgħib riskji oħla ta' telf tal-pellets fl-ambjent. Għal din ir-raġuni, dawn l-intrapriżi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jimplimentaw, għal kull installazzjoni, azzjonijiet addizzjonali bħat-twettiq ta' valutazzjoni interna annwali, u l-adozzjoni ta' programm ta' taħriġ li jindirizza ***l-ħtiġijiet u l-modalitajiet spċifici ta' taħriġ***. Barra minn hekk, għal dawn l-intrapriżi, il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tintwera billi jinkiseb, u jiġġedded, ċertifikat maħruġ minn ċertifikatur. Dawn iċ-ċertifikaturi jistgħu jkunu jew korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat, jew verifikatur ambjentali liċenzjat biex iwettaq verifika u validazzjoni

##### *Emenda*

(24) L-intrapriżi ***żgħar***, ta' daqs medju u ***kbir*** li joperaw installazzjonijiet li fihom il-pellets tal-plastik jiġu mmaniġġati fi kwantitatjiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata jistgħu jgħib riskji oħla ta' telf tal-pellets fl-ambjent. Għal din ir-raġuni, dawn l-intrapriżi jenħtieġ li jkunu meħtieġa jimplimentaw, għal kull installazzjoni, azzjonijiet addizzjonali bħat-twettiq ta' valutazzjoni interna annwali, u l-adozzjoni ta' programm ta' taħriġ obbligatorju li jindirizza ***kwistjonijiet spċifici fir-rigward tal-prevenzjoni, il-prattiki, il-protezzjoni tal-ħaddiema, it-teknoloġiji ta' tindif, l-użu u l-manutenzjoni tat-tagħmir, l-eżekuzzjoni tal-proċeduri, kif ukoll il-monitoraġġ u r-rapportar ta' telf tal-pellets tal-plastik***. Barra minn hekk, għal dawn l-intrapriżi, il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tintwera billi jinkiseb, u

f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup> dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS). Iċ-ċertifikat jenħtieġ li jikkorrispondi għal format uniku sabiex tiġi żgurata informazzjoni omoġenja.

jīggedded, ċertifikat maħruġ minn ċertifikatur. Dawn iċ-ċertifikaturi jistgħu jkunu jew korp ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditat, jew verifikatur ambjentali liċenzjat biex iwettaq verifika u validazzjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup> dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS). Iċ-ċertifikat jenħtieġ li jikkorrispondi għal format uniku sabiex tiġi żgurata informazzjoni omoġenja. *L-intrapriżi żgħar li joperaw installazzjonijiet li fihom ġew immaniġġati pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata, jenħtieġ li jiksbu ċ-ċertifikazzjoni darba biss. Tali ċertifikazzjoni jenħtieġ li tkun valida għal ħames snin li warajhom jenħtieġ li jinnotifikaw aġġornament tal-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju tagħhom kif ukoll awtodiċjarazzjoni tal-konformità kull ħames snin.*

---

<sup>15</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS), li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

---

<sup>15</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS), li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1).

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 25

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) L-intrapriżi **mikro u żgħar, u l-intrapriżi** ta' daqs medju u kbir li joperaw installazzjonijiet li fihom il-pellets tal-

*Emenda*

(25) L-intrapriżi żgħar, ta' daqs medju u kbir li joperaw installazzjonijiet li fihom il-pellets tal-plastik ikunu ġew immaniġġati fi

plastik ikunu ġew immaniġġati fi kwantitajiet ta' anqas minn 1 000 tunnellata, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awtodikjarazzjoni ta' konformità. Jenħtieġ li jingħataw ukoll biżżejjed żmien sabiex juru l-konformità tagħhom.

kwantitajiet ta' anqas minn 1 000 tunnellata **u l-intrapriżi mikro**, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awtodikjarazzjoni ta' konformità. Jenħtieġ li jingħataw ukoll biżżejjed żmien sabiex juru l-konformità tagħhom.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 32

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(32) L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-katina tal-provvista tal-pellets jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, **madankollu jistgħu jiffaċċaw kostijiet u diffikultajiet proporzjonalment oħħla meta jikkonformaw ma' xi wħud mill-obbligi**. Il-Kummissjoni jenħtieġ li **żżid is-sensibilizzazzjoni** fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni **tiżviluppa** materjali ta' taħrif sabiex **tgħinhom** jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u finanzjarju, kif ukoll **taħrif speċjalizzat lill-SMEs**. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbi dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

#### *Emenda*

(32) **Peress li** l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) **għandhom sehem importanti** fil-katina tal-provvista tal-pellets, jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, **filwaqt li jitqiesu l-isfidi differenti possibbli marbuta ma' dik il-konformità u l-kostijiet proporzjonalment oħħla possibbli**. Il-Kummissjoni **u l-awtoritajiet kompetenti** jenħtieġ li **jżidu sensibilizzazzjoni** fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni **u l-awtoritajiet kompetenti jizviluppan** materjali ta' taħrif, **f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha**, sabiex **jgħinu lill-operaturi ekonomiċi u lit-trasportaturi** jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. **Dan jenħtieġ li jsir billi titqies ir-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti adottata mill-partijiet għall-Konvenzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR)**. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u **taħrif speċjalizzat lill-persunal kollu li jimmaniġġa l-pellets tal-plastik, kif ukoll**

*appoġġ finanzjarju u aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi mikro u żgħar kif ukoll għall-installazzjonijiet li jimmaniġġaw il-pellets tal-plastik fi kwantitatiet iż-ġħar. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat.*

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 33

*Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Sabiex jiġu ffaċilitati raġunijiet komuni għall-istima tat-telf ta' pellets tal-plastik fl-ambjent, huwa meħtieġ li jkun hemm metodoloġija standardizzata stabbilita fi standard armonizzat li jiġi adottat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>.

*Emenda*

(33) Sabiex jiġu ffaċilitati raġunijiet komuni għall-istima tat-telf ta' pellets tal-plastik fl-ambjent, huwa meħtieġ li jkun hemm metodoloġija standardizzata stabbilita fi standard armonizzat li jiġi adottat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup>. *Sakemm tīgi adottata l-metodoloġija standardizzata, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jindikaw il-metodoloġija użata meta jirrapportaw telf ta' pellets tal-plastik.*

---

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12–33)

---

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12–33)

### Ġustifikazzjoni

*Filwaqt li naturalment huwa preferibbli li jkun hemm metodoloġija ta' rapportar standardizzata għat-telf tal-pellets, in-nuqqas ta' tali metodu ma għandux iwassal biex l-*

*operaturi ekonomiċi ma jirrapportaww sakemm tiġi adottata l-metodoloġija standardizzata. Għalhekk għandu jiġi ċċarat li sakemm tiġi adottata l-metodoloġija standardizzata, l-operaturi ekonomiċi għandhom jindikaw il-metodoloġija użata meta jirrapportaw telf ta' pellets tal-plastik.*

## Emenda 18

### Proposta għal regolament

#### Premessa 38

*Test propost mill-Kummissjoni*

(38) Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi jiġu skoraġġuti b'mod effettiv minn nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implementati. Jenħtieġ li l-penali previsti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Sabiex tīgħi ffaċilitata applikazzjoni aktar konsistenti tal-penali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji komuni għad-determinazzjoni tat-tipi u l-livelli ta' penali li għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, in-natura u l-gravità tal-ksur kif ukoll il-benefiċċċi ekonomiċi derivati mill-ksur sabiex jiġi żgurat li dawk responsabbli jiġu mċaħħda minn dawk il-benefiċċji.

*Emenda*

(38) Sabiex jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi jiġu skoraġġuti b'mod effettiv minn nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implementati. Jenħtieġ li l-penali previsti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Sabiex tīgħi ffaċilitata applikazzjoni aktar konsistenti tal-penali, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji komuni għad-determinazzjoni tat-tipi u l-livelli ta' penali li għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, in-natura u l-gravità tal-ksur kif ukoll il-benefiċċċi ekonomiċi derivati mill-ksur sabiex jiġi żgurat li dawk responsabbli jiġu mċaħħda minn dawk il-benefiċċji. *L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu hilitom biex jiżguraw li d-dħul iġġenerat mill-penali, jew il-valur finanzjarju ekwivalenti tiegħu, jintuża biex jappoġġja proġetti li għandhom l-għan li jnaddfu żoni mniġġsa mill-plastik u jevitaw it-tiġġis mill-pellets tal-plastik.*

## Emenda 19

### Proposta għal regolament

#### Premessa 39

### *Test propos mill-Kummissjoni*

(39) Meta jistabbilixxu penali u miżuri għall-ksur, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu li, abbażi tal-gravità tal-ksur, il-livell ta' multi jenħtieġ li effettivament **iċaħħdu** lill-operatur ekonomiku mhux konformi, lit-trasportaturi tal-UE u lit-trasportaturi mhux tal-UE mill-benefiċċju ekonomiku derivat min-nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, inkluż f'każijiet ta' ksur ripetut. Jenħtieġ li l-gravità tal-ksur tkun il-kriterju ewlieni għall-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-infurzar. L-ammont massimu ta' multi jenħtieġ li, f'każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, jirrappreżenta tal-inqas **4 %** tal-fatturat annwali ekonomiku **fl-Istat Membru kkonċernat.**

### *Emenda*

(39) Meta jistabbilixxu penali u miżuri għall-ksur, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprevedu li, abbażi tal-gravità tal-ksur, il-livell ta' multi jenħtieġ li effettivament **iċaħħad** lill-operatur ekonomiku mhux konformi, lit-trasportaturi tal-UE u lit-trasportaturi mhux tal-UE mill-benefiċċju ekonomiku derivat min-nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, inkluż f'każijiet ta' ksur ripetut. Jenħtieġ li l-gravità tal-ksur tkun il-kriterju ewlieni għall-miżuri meħuda mill-awtoritajiet tal-infurzar. L-ammont massimu ta' multi jenħtieġ li, f'każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, jirrappreżenta tal-inqas **3 %** tal-fatturat annwali ekonomiku **fl-Unjoni.**

### **Emenda 20**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1**

##### *Test propos mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-obbligi għall-immaniġġar ta' pellets tal-plastik fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista biex jiġi evitat it-telf.

##### *Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-obbligi għall-immaniġġar ta' pellets tal-plastik fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista biex jiġi evitat it-telf, **bl-objettiv li jinkiseb telf-żero tal-pellets tal-plastik.**

### **Emenda 21**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

##### *Test propos mill-Kummissjoni*

(a) “pellet tal-plastik” tfisser massa żgħira ta’ materjal tal-iffurmar iffurmat minn qabel li fih il-polimeru, li **għandu dimensjonijiet relativi uniformi**

##### *Emenda*

(a) “pellet tal-plastik” tfisser massa żgħira ta’ materjal tal-iffurmar iffurmat minn qabel li fih il-polimeru, **irrispettivament mill-għamla u mill-forma**

*f'rott partikolari*, li jintuża bħala materja prima fl-operazzjonijiet tal-manifattura tal-prodotti tal-plastik;

*tiegħu, inklużi sustanzi fil-forma ta' trab, ċilindri, żibeġ u laqx, li jista' jkun li żdiedu additivi magħhom*, li jintuża bħala materja prima fl-operazzjonijiet tal-manifattura tal-prodotti ***tal-plastik u riċiklaġġ*** tal-plastik;

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(aa) “trab tal-pellets tal-plastik” tfisser ir-residwu industrijali mill-immaniġġar, it-tħin jew l-ipproċessar tal-pellets tal-plastik, li ma jintużax bħala materja prima f'operazzjonijiet ta' manifattura ta' prodotti tal-plastik.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) “tixrid” tfisser ħruġ ta’ darba ta’ pellets tal-plastik minn konteniment primarju;

(b) “tixrid” tfisser ħruġ ta’ darba ***jew fit-tul*** ta’ pellets tal-plastik minn konteniment primarju;

## Emenda 24

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) “telf” tfisser ħruġ ta’ darba jew fit-tul ta’ pellets tal-plastik mill-konfini tal-installazzjoni fl-ambjent jew ***minn vetturi tat-triq, vaguni tal-ferrovija jew bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li jittrasportaw pellets*** tal-plastik;

(c) “telf” tfisser ħruġ ta’ darba jew fit-tul ta’ pellets tal-plastik ***fi kwalunkwe stadju tal-katina tal-provvista, inkluż mill-konfini tal-installazzjoni fl-ambjent jew mit-trasport tal-pellets*** tal-plastik;

## Emenda 25

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

*Test propos mill-Kummissjoni*

(d) “installazzjoni” tfisser kwalunkwe bini, struttura, **ambjent** jew post li fih titwettaq attivită ekonomika waħda jew aktar li tinvolvi l-immaniġġar ta’ pellets tal-plastik;

*Emenda*

(d) “installazzjoni” tfisser kwalunkwe bini, struttura, **sit** jew post li fih titwettaq attivită ekonomika waħda jew aktar li tinvolvi l-immaniġġar ta’ pellets tal-plastik;

## Emenda 26

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f

*Test propos mill-Kummissjoni*

(f) “trasportatur tal-UE” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru, involuta fit-trasport ta’ pellets tal-plastik bħala parti mill-attivită ekonomika tagħha **billi tuża vetturi tat-triq, vaguni tal-ferrovija jew bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni;**

*Emenda*

(f) “trasportatur tal-UE” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi Stat Membru, involuta fit-trasport ta’ pellets tal-plastik bħala parti mill-attivită ekonomika tagħha;

## Emenda 27

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g

*Test propos mill-Kummissjoni*

(g) “trasportatur mhux tal-UE” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f’pajjiż terz, involuta fit-trasport ta’ pellets tal-plastik bħala parti mill-attivită ekonomika tagħha fl-Unjoni **billi tuża vetturi tat-triq, vaguni tal-ferrovija jew bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni;**

*Emenda*

(g) “trasportatur mhux tal-UE” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f’pajjiż terz, involuta fit-trasport ta’ pellets tal-plastik bħala parti mill-attivită ekonomika tagħha fl-Unjoni;

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom jiżguraw li jiġi evitat it-telf. Meta **jseħħi telf**, l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom jieħdu azzjoni immedjata sabiex **inaddfu** dak **it-telf**.

*Emenda*

1. L-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom jiżguraw li jiġi evitat it-telf. Meta **jseħħu tixrid u** telf, l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom jieħdu azzjoni immedjata sabiex **jikkontrollaw u jnaddfu** dak **it-tixrid u telf**.

## Emenda 29

### Proposta għal regolament L-Artikolu 3 – paragrafu 3

*Test propos mill-Kummissjoni*

3. L-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih huma stabbiliti bi kwalunkwe bidla sinifikanti fl-installazzjonijiet u fl-attivitajiet tagħhom relatati mal-immaniġġar ta' pellets tal-plastik, inkluż bi kwalunkwe għeluq ta' installazzjoni eżistenti.

*Emenda*

3. L-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih huma stabbiliti, bi kwalunkwe bidla sinifikanti fl-installazzjonijiet u fl-attivitajiet tagħhom relatati mal-immaniġġar **u t-trasport** ta' pellets tal-plastik, inkluż bi kwalunkwe għeluq ta' installazzjoni eżistenti, **kif applikabbli**.

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- 3a. **Mingħajr pregħidżju għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, l-operaturi ekonomiċi għandhom, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jittikkettaw**

*il-kontejners kollha tal-ħżin u tat-trasport li fihom pellets tal-plastik f'konformità mal-Anness IVb ta' dan ir-Regolament.*

---

*1a Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballagġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).*

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu reġistru pubbliku li jkun fih l-informazzjoni li jkunu rċevew f'konformità mal-paragrafi 3 u 4.

#### *Emenda*

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu u jżommu reġistru pubbliku li jkun fih l-informazzjoni li jkunu rċevew f'konformità mal-paragrafi 2 u 3. *Ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku u aċċessibbli faċilment.*

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi ta' daqs medju u kbir li joperaw installazzjonijiet fejn ġew immaniġġati pellets tal-plastik fi kwantitatiet ta' anqas minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti jew li huma intrapriżi mikro **jew ta' daqs żgħir** għandhom jinnotifikaw aġġornament tal-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju għal kull installazzjoni kif ukoll tiġid tal-awtodiċi jekk jidher konformità

#### *Emenda*

2. L-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi ta' daqs **żgħir**, medju u kbir li joperaw installazzjonijiet fejn ġew immaniġġati pellets tal-plastik fi kwantitatiet ta' anqas minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti jew li huma intrapriżi mikro għandhom jinnotifikaw aġġornament tal-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju għal kull installazzjoni kif ukoll tiġid tal-

lill-awtorità kompetenti kull **5** snin mill-aħħar notifika.

awtodikjarazzjoni ta' konformità lill-awtorità kompetenti kull **tliet** snin mill-aħħar notifika.

### Emenda 33

#### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** *L-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi żgħar li joperaw installazzjonijiet fejn il-pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata jkunu ġew immaniġġati fis-sena kalendarja preċedenti għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, sakemm ma jkollhomx ċertifikat validu maħruġ f'konformità mal-Artikolu 5(2a).*

### Emenda 34

#### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) li jibdlu l-pjanijiet ta' valutazzjoni tar-riskju nnotifikati f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 sabiex jiġi żgurat li t-telf ikun jista' jiġi evitat b'mod effettiv **jew**, meta xieraq, jinżamm u jitnaddaf u li l-Anness I jiġi osservat;

(a) li jibdlu l-pjanijiet ta' valutazzjoni tar-riskju nnotifikati f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 sabiex jiġi żgurat li t-telf ikun jista' jiġi evitat b'mod effettiv **u**, meta xieraq, jinżamm u jitnaddaf u li l-Anness I jiġi osservat;

### Emenda 35

#### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu, iżommu, u

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu, iżommu, u

jaġġornaw regiſtru li jkun fih il-pjanijiet ta' valutazzjoni tar-riskju **u l-awtodikjarazzjonijiet** ta' konformità **nnotifikati f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.** Ir-regiſtru għandu jkun disponibbli pubblikament fuq sit web.

jaġġornaw regiſtru li jkun fih il-pjanijiet ta' valutazzjoni tar-riskju, l-awtodikjarazzjonijiet ta' konformità **u n-notifikasi dwar it-telf mogħtija f'konformità mal-Anness IVa.** Ir-regiſtru għandu jkun disponibbli pubblikament fuq sit web.

### Emenda 36

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – parti introduttora

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi tal-UE għandu jkollhom l-obbligi li ġejjin:

*Emenda*

L-operaturi ekonomiċi, **it-trasportaturi tal-UE** u t-trasportaturi **mhux** tal-UE għandu jkollhom l-obbligi li ġejjin:

### Emenda 37

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jiżguraw li l-personal tagħhom ikun imħarreġ skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet spċifici tagħhom u li jkun konxju u jista' juża t-tagħmir rilevant u jeżegwixxi l-proċeduri stabbiliti biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament;

*Emenda*

(a) jiżguraw li l-personal tagħhom ikun imħarreġ skont ir-rwoli u r-responsabbiltajiet spċifici tagħhom u li jkun konxju u jista' juża t-tagħmir rilevant, **inkluż tagħmir protettiv personali adegwat** u jeżegwixxi l-proċeduri stabbiliti biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament;

### Emenda 38

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) iżommu rekords tal-kwantitatijiet stmati kull sena ta' telf u **tal-volum** totali ta' pellets tal-plastik immaniġġati.

*Emenda*

(c) iżommu rekords tal-kwantitatijiet stmati kull sena ta' telf u **tal-kwantitatijiet** totali ta' pellets tal-plastik immaniġġati.

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. Meta azzjoni meħuda għall-prevenzjoni, il-konteniment u t-tindif tat-tixrid u tat-telf ma tirnexxix, l-operaturi ekonomiċi, it-transportaturi u t-transportaturi mhux tal-UE għandhom jieħdu azzjonijiet korrettivi, ***mill-aktar fis possibbli***.

*Emenda*

8. Meta azzjoni meħuda għall-prevenzjoni, il-konteniment u t-tindif tat-tixrid u tat-telf ma tirnexxix, l-operaturi ekonomiċi, it-transportaturi ***tal-UE*** u t-transportaturi mhux tal-UE għandhom jieħdu azzjonijiet korrettivi, ***mingħajr dewmien***.

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 9 – parti introduttora

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. Kull sena, l-operaturi ekonomiċi li ma humiex intrapriżi mikro jew ***żigħar u*** li joperaw installazzjonijiet fejn ikunu ġew immaniġġati pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti għandhom, għal kull installazzjoni, iwettqu valutazzjoni interna dwar l-istat tal-konformità tal-installazzjoni mar-rekwiżiti tal-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju stabbilit fl-Anness I. Il-valutazzjoni interna ***tista'***, fost l-oħrajin, tkopri s-suġġetti li ġejjin:

*Emenda*

9. Kull sena, l-operaturi ekonomiċi li ma humiex intrapriżi mikro jew li joperaw installazzjonijiet fejn ikunu ġew immaniġġati pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti għandhom, għal kull installazzjoni, iwettqu valutazzjoni interna dwar l-istat tal-konformità tal-installazzjoni mar-rekwiżiti tal-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju stabbilit fl-Anness I. Il-valutazzjoni interna ***għandha***, fost l-oħrajin, tkopri s-suġġetti li ġejjin:

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 9– punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) it-tagħmir u/jew il-proċeduri preventivi, ta' konteniment u ta' tindif implementati biex jiġi evitat telf futur, u ***l-***

*Emenda*

(b) it-tagħmir u/jew il-proċeduri preventivi, ta' konteniment u ta' tindif implementati biex jiġi evitat telf futur, u

*effettività* tagħhom;

*evalwazzjoni tal-effettività* tagħhom;

## Emenda 42

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 9 – punt c

*Test propos mill-Kummissjoni*

(c) id-diskussionijiet mal-persunal, l-ispezzjonijiet tat-tagħmir u l-proċeduri fis-seħħ u r-reviżjoni ta' kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti.

*Emenda*

(c) id-diskussionijiet mal-persunal **u l-programmi ta' taħriġ li jinvolvu lill-persunal**, l-ispezzjonijiet tat-tagħmir **inkluż tagħmir protettiv personali adegwat** u l-proċeduri fis-seħħ u r-reviżjoni ta' kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti.

## Emenda 43

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 9 – subparagrafu 1a (ġidid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-operaturi ekonomiċi msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom iżommu rekords tal-valutazzjoni jiet u ta' kwalunkwe azzjoni li jieħdu sussegwentement, u għandhom jagħmlu dawn ir-rekords disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba.*

## Emenda 44

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 5 – paragrafu 2

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. Sa ... [OP: jekk jogħġogb kom daħħlu d-data = 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull **4** snin wara dan, l-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi ta' daqs medju għandhom juru li kull installazzjoni fejn ikunu ġew ittrattati pellets tal-plastik fi kwantitatiet ta' aktar

*Emenda*

2. Sa ... [OP: jekk jogħġogb kom daħħlu d-data = 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull **tliet** snin wara dan, l-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi ta' daqs medju għandhom juru li kull installazzjoni fejn ikunu ġew ittrattati pellets tal-plastik fi kwantitatiet ta' aktar

minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I, billi jinkiseb ċertifikat maħruġ minn ġertifikatur.

minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I, billi jinkiseb ċertifikat maħruġ minn ġertifikatur.

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Sa ... [60 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi żgħar għandhom juru li kull installazzjoni fejn ġew immaniġġati pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata fis-sena kalendarja preċedenti hija konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I, billi jinkiseb ċertifikat maħruġ minn ġertifikatur. Dak iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal ħames snin.*

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Iċ-ċertifikaturi għandhom iwettqu kontrolli fuq il-post biex jiżguraw li l-miżuri kollha inklużi fil-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa f'konformità mal-Anness I jiġu implementati kif xieraq.

3. Iċ-ċertifikaturi għandhom iwettqu kontrolli fuq il-post u spezzjonijiet tas-siti, tal-mezzi tat-trasport u taż-żoni fil-madwar immedja biex jiżguraw li l-miżuri kollha inklużi fil-pjan ta' valutazzjoni tar-riskju mwettqa f'konformità mal-Anness I jiġu implementati kif xieraq.

## Emenda 47

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttiorja

*Test propos mill-Kummissjoni*

L-akkreditazzjoni taċ-ċertifikaturi msemmija fl-Artikolu 3, il-punt (k)(i) għandha tinkludi evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

*Emenda*

L-akkreditazzjoni taċ-ċertifikaturi msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (k)(i) għandha tinkludi evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

#### **Emenda 48**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 8 – paragrafu 1**

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi tal-UE u tat-trasportaturi mhux tal-UE mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jqisu l-informazzjoni pprovduta fl-awtodiċjarazzjonijiet ta' konformità msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) u pprovduta miċ-ċertifikaturi f'konformità mal-Artikolu 5(5). L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu spezzjonijiet ambjentali u miżuri oħrajn ta' verifika, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

*Emenda*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi tal-UE u tat-trasportaturi mhux tal-UE mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li jqisu l-informazzjoni pprovduta fl-awtodiċjarazzjonijiet ta' konformità msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) u pprovduta miċ-ċertifikaturi f'konformità mal-Artikolu 5(5). L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu spezzjonijiet ambjentali **għal għarrieda** u miżuri oħrajn ta' verifika, skont approċċ ibbażat fuq ir-riskju.

#### **Emenda 49**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttora**

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. Mhux aktar tard minn ... [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet jekk jogħġogbkom daħħlu d-data = l-ewwel jum tax-xahar wara 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull 3 snin wara dan, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni li jkun fihi informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-implementazzjoni ta'

*Emenda*

2. Mhux aktar tard minn ... [Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet jekk jogħġogbkom daħħlu d-data = l-ewwel jum tax-xahar wara **tliet** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull tliet snin wara dan, l-Istati Membri għandhom jissottomettu rapport lill-Kummissjoni li jkun fihi informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-implementazzjoni ta'

dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. L-informazzjoni għandha tinkludi:

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

*Test propos mill-Kummissjoni*

(a) l-għadd ta' operaturi ekonomiċi għal kull daqs ta' intrapriża skont ir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u għal kull attivitā ekonomika, l-installazzjonijiet tagħhom, u tat-trasportaturi tal-UE u l-mezzi tat-trasport tagħhom allokati għat-trasport ta' pellets tal-plastik;

*Emenda*

(a) l-għadd ta' operaturi ekonomiċi għal kull daqs ta' intrapriża skont ir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE u għal kull attivitā ekonomika, l-installazzjonijiet tagħhom **u l-kwantitajiet ta' pellets tal-plastik immaniġġati minnhom**, u tat-trasportaturi tal-UE u l-mezzi tat-trasport tagħhom allokati għat-trasport ta' pellets tal-plastik **u l-kwantitajiet immaniġġati minnhom**;

## Emenda 51

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a.** *Kull tliet snin, abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport ta' sinteżi dwar il-konformità u r-rapportar, li jistabbilixxi l-informazzjoni kwalitattiva u kwantitattivi dwar l-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament li jinkludu r-rapporti tal-Istati Membri.*

## Emenda 52

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttiorja

*Test proposet mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/35/KE, fil-każ ta' telf inċidentali jew aċċidental li jaffettwa **b'mod sinifikanti** s-saħħha tal-bniedem jew l-ambjent, l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom minnufih:

*Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/35/KE, fil-każ ta' telf inċidentali jew aċċidental li jaffettwa s-saħħha tal-bniedem jew l-ambjent, l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE għandhom minnufih:

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(a) jinfurmaw lill-awtorità kompetenti li fit-territorju tagħha seħħi l-inċident jew l-aċċident u l-kwantitajiet stmati tat-telf;

*Emenda*

(a) jinfurmaw lill-awtorità kompetenti li fit-territorju tagħha seħħi l-inċident jew l-aċċident, **kif ukoll lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe territorju li aktarx jiġi affettwat**, u l-kwantitajiet stmati tat-telf f'konformità mal-formola stabbilita fl-Anness IVa;

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt aa (ġidid)**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) jieħdu miżuri biex jikkontrollaw u jnaddfu telf bħal dan b'mod ekoloġikament sensittiv;**

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt b**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) jieħdu **miżuri** biex **jillimitaw il-**

(b) jieħdu **l-miżuri kollha possibbli**

konsegwenzi fuq is-sahħha jew fuq l-ambjent u biex jipprevjenu inċidenti jew aċċidenti ulterjuri.

biex **jimminimizzaw** il-konsegwenzi fuq is-sahħha jew fuq l-ambjent, u biex jipprevjenu inċidenti jew aċċidenti ulterjuri.

## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

2. L-awtorità kompetenti li fit-territorju tagħha jkun seħħ l-inċident jew l-aċċident għandha tirrikjedi, fejn ikun meħtieġ, li l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE jieħdu miżuri komplementari xierqa biex **jillimitaw** il-konsegwenzi fuq is-sahħha jew fuq l-ambjent u biex jipprevjenu inċidenti jew aċċidenti ulterjuri.

#### *Emenda*

2. L-awtorità kompetenti li fit-territorju tagħha jkun seħħ l-inċident jew l-aċċident għandha tirrikjedi, fejn ikun meħtieġ, li l-operaturi ekonomiċi, it-trasportaturi tal-UE u t-trasportaturi mhux tal-UE jieħdu miżuri komplementari xierqa **u jorganizzaw taħriġ speċifiku** biex **jimminimizzaw** il-konsegwenzi fuq is-sahħha jew fuq l-ambjent u biex jipprevjenu inċidenti jew aċċidenti ulterjuri.

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

3. Fil-każ ta' kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa **b'mod sinifikanti** is-sahħha tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti li fit-territorju tagħha jkun seħħ l-aċċident jew l-inċident għandha tinforma lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

#### *Emenda*

3. Fil-każ ta' kwalunkwe inċident jew aċċident li jaffettwa s-sahħha tal-bniedem jew l-ambjent fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti li fit-territorju tagħha jkun seħħ l-aċċident jew l-inċident għandha tinforma lill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2

#### *Test propos mill-Kummissjoni*

2. Meta l-ksur tar-regoli stabbiliti

#### *Emenda*

2. Meta l-ksur tar-regoli stabbiliti

f'dan ir-Regolament ikun ta' periklu immedjat għas-saħħha tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett negattiv sinifikanti immedjat fuq l-ambjent, l-awtorità kompetenti ***tista'*** tissospendi l-operat tal-installazzjoni sakemm terġa' tīgi stabbilita l-konformità f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b) u (c).

f'dan ir-Regolament ikun ta' periklu immedjat għas-saħħha tal-bniedem jew jhedded li jikkawża effett negattiv sinifikanti immedjat fuq l-ambjent, l-awtorità kompetenti ***għandha*** tissospendi l-operat tal-installazzjoni sakemm terġa' tīgi stabbilita l-konformità f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b) u (c).

## Emenda 59

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar bħala responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar bħala responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament ***u għandhom jinformati lill-Kummissjoni b'dan.***

## Emenda 60

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħrifg dwar l-implementazzjoni tajba tal-obbligli stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

#### *Emenda*

1. ***Sa ... [12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tiżviluppa u tiffinanzja*** materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħrifg, ***li jista' jieħu l-forma ta' gwidi u korsijiet***, dwar l-implementazzjoni tajba tal-obbligli stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, ***is-sħab soċġali, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi*** u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

## Emenda 61

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test proposet mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi,  
**speċjalment l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju**, jiksbu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi jiksbu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament.

## Emenda 62

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Mingħajr preġudizzju għar-regoli  
applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-assistenza msemmija fl-ewwel  
subparagrafu għall-intrapriżi mikro,  
żgħar u ta' daqs medju tista' tieħu l-forma ta':*

- (a) tħriġ speċjalizzat għall-management u għall-personal, inkluża l-organizzazzjoni ta' programmi ta' tħriġ;*
- (b) assistenza organizzazzjonali u teknika.*

## Emenda 63

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – parti introduttora

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Mingħajr preġudizzju għar-regoli  
applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-assistenza msemmija fl-ewwel  
subparagrafu tista' tieħu l-forma ta':

Mingħajr preġudizzju għar-regoli  
applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-assistenza msemmija fl-ewwel  
subparagrafu **għall-intrapriżi mikro u żgħar kif ukoll għall-installazzjonijiet li jidher im-**  
**jimmaniġġaw il-pellets tal-plastik fi**

*kwantitatiet taħt il-limitu stabilit fl-  
Artikolu 4(2) tista' tieħu wkoll il-forma  
ta':*

## Emenda 64

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) aċċess għal finanzi;

(b) aċċess għal finanzi, *inkluż bl-iskop li jiġi akkwistat it-tagħmir meħtieġ sabiex tinkiseb il-konformità;*

## Emenda 65

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) *ġestjoni speċjalizzata u taħriġ tal-persunal;* *imħassar*

## Emenda 66

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) *assistenza organizzazzjonali u teknika.* *imħassar*

## Emenda 67

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1

*Test propos mill-Kummissjoni*

1. Għall-finijiet ta' konformità mal-obbligu msemmi fl-Artikolu 4(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandha tīgħi żviluppata metodoloġija għall-istima tal-kwantitajiet ta' telf fi standards armonizzati f'konformità mal-proċeduri stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

*Emenda*

1. Għall-finijiet ta' konformità mal-obbligu msemmi fl-Artikolu 4(7), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), **u l-Anness IVa**, għandha tīgħi żviluppata metodoloġija għall-istima tal-kwantitajiet ta' telf fi standards armonizzati f'konformità mal-proċeduri stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-ilment sostanzjat imsemmi fil-paragrafu 1 u, fejn meħtieġ, jieħdu l-passi meħtieġa, inklużi spezzjonijiet u seduti ta' smiġħ tal-persuna jew tal-organizzazzjoni, bil-ħsieb li jivverifikaw dawk l-ilmenti. Jekk jinstab li l-ilment għandu bażi soda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 4(3).

*Emenda*

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-ilment sostanzjat imsemmi fil-paragrafu 1 u, fejn meħtieġ, jieħdu l-passi meħtieġa, inklużi spezzjonijiet u seduti ta' smiġħ tal-persuna jew tal-organizzazzjoni, bil-ħsieb li jivverifikaw dawk l-ilmenti. Jekk jinstab li l-ilment għandu bażi soda, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 4(3), **l-Artikolu 9(2) u l-Artikolu 10(2)**.

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 2**

*Test propos mill-Kummissjoni*

2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għall-introjtu tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lill-persuna responsabbli għall-ksur mill-benefiċċji

*Emenda*

2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għall-introjtu tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lill-persuna responsabbli għall-ksur mill-benefiċċji

ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiżdied gradwalment għal ksur ripetut. Fil-każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun tal-inqas **4 %** tal-fatturat annwali tal-operatur ekonomiku ***fl-Istat Membru kkonċernat*** fis-sena kontabilistika ta' qabel id-deċiżjoni dwar il-multa.

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li d-dħul iġġenerat mill-penali msemmija fil-paragrafu 1, jew il-valur finanzjarju ekwivalenti tiegħu, jintuża biex jappoġġga proġetti li għandhom l-għan li jnaddfu żoni mnigħġsa mill-plastik qabel ... [id-data tad-ħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u jevitaw it-tniġġis mill-pellets tal-plastik.**

**Il-proġetti ffinanzjati mid-ħul iġġenerat mill-penali kif imsemmi fl-ewwel subparagraphu jistgħu jikkontribwixxu għall-promozzjoni ta' ħidma xjentifika biex jiġi studjat l-impatt tal-pellets tal-plastik fuq is-sahħha tal-bniedem u l-ambjent, jiġu appoġġati r-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam tat-tniġġis mill-pellets tal-plastik, jiġu implementati programmi ta' sensibilizzazzjoni, u jiġu ffinanzjati programmi ta' taħriġ imfassla speċifikament għall-intrapriżi mikro u żgħar.**

**Sa ... [60 xahar mid-ħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull sena minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif intuża d-ħul iġġenerat mill-penali fis-sena preċedenti u kif tali użu kkontribwixxa għat-tnaqqis tat-tniġġis mill-pellets tal-plastik, inkluża**

*informazzjoni dwar il-benefiċjarji u l-livell tan-nefqa li tikkonċerna l-objettivi stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.*

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

*Test propos mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 li temenda l-Annessi I sa **IV**, sabiex tqis il-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi.

*Emenda*

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 li temenda l-Annessi I sa **IVb**, sabiex tqis il-progress tekniku u l-iżviluppi xjentifiċi.

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt a

*Test propos mill-Kummissjoni*

(a) l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5;

*Emenda*

(a) l-esperjenza miksuba mill-implimentazzjoni tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 9;

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Artikolu 17a (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### *Artikolu 17a*

#### *Rieżami*

*Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-iżviluppi rilevanti fl-IMO. Sa ... [tmien snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport komprensiv dwar l-applikazzjoni ġenerali ta' dan ir-Regolament u l-effettivitā tiegħu u*

*għandha tippreżenta, kif xieraq, proposta  
leġiżlattiva biex temenda dan ir-  
Regolament.*

## Emenda 74

### Proposta għal regolament Artikolu 17b (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 17b*

##### *Traċċabbiltà*

*Sa ... [24 xahar mid-dħul fis-seħħi ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar il-possibbiltà li tintroduçi traċċabbiltà kimika tal-pellets tal-plastik. Dan ir-rapport għandu tal-anqas iqis:*

- (a) *il-fattibbiltà teknika li tiġi introdotta firma kimika unika u differenzjabbli li ma tkunx ta' ħsara għall-ambjent jew għas-sahħha tal-bniedem;*
- (b) *l-istabbiliment ta' bażi ta' data tal-Unjoni tal-firem kimiċi kollha.*

*Meta jkun xieraq, ir-rapport imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.*

## Emenda 75

### Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- (1a) *l-għadd ta' tunnellati ta' pellets tal-plastik immaniġġati kull sena;*

## Emenda 76

### Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3a) informazzjoni relatata man-natura  
kimika ta' kull polimeru li jinsab fil-  
pellets tal-plastik fuq is-sit, inkluża  
informazzjoni dwar il-proprietajiet  
fiżikkimiċi u l-proprietajiet ta' periklu;*

## **Emenda 77**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness I – paragrafu 1 – punt 7 – paragrafu 2 – parti introduttora**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

L-operaturi ekonomiċi għandhom ***iqisu*** tal-anqas dan li ġej, filwaqt li jqisu n-natura u d-daqqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha:

*Emenda*

L-operaturi ekonomiċi għandhom ***jistabbilixxu*** tal-anqas dan li ġej, filwaqt li jqisu n-natura u d-daqqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha:

## **Emenda 78**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness I – paragrafu 1 – punt 7 – paragrafu 2 – punt a**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

(a) Għall-prevenzjoni: siġilli tal-vakwu fuq il-pajpijet u fuq ix-xogħol tal-pajpijet; imballaġġ reżistenti għat-tqattigħ u ***għall-impatt*** li jista' jiflaħ għad-degradazzjoni f'ambjenti akkwatiċi; tagħmir sabiex jinħolqu punti ta' konnessjoni siguri b'barrieri sekondarji fis-seħħ; sistemi tat-tagħbijs ddisinjati sabiex jiżguraw li l-linji tat-trasferiment ikunu jistgħu jitbattlu kompletament wara t-tagħbijs u l-ħatt; kontenituri ***ssiġillati*** jew sajlos esterni għall-ħażin tal-pellets; sistemi ta' trasport awtomatizzati għall-pellets;

*Emenda*

(a) Għall-prevenzjoni: siġilli tal-vakwu fuq il-pajpijet u fuq ix-xogħol tal-pajpijet; imballaġġ reżistenti għat-tqattigħ, ***għall-impatt u għall-ilma, issiġillat u ttikkettat*** li jista' jiflaħ għad-degradazzjoni f'ambjenti akkwatiċi ***ħorox***; tagħmir sabiex jinħolqu punti ta' konnessjoni siguri b'barrieri sekondarji fis-seħħ; sistemi tat-tagħbijs ddisinjati sabiex jiżguraw li l-linji tat-trasferiment ikunu jistgħu jitbattlu kompletament wara t-tagħbijs u l-ħatt; kontenituri ***reżistenti għax-xokkijiet u għall-ilma, issiġillati u ttikkettati*** jew sajlos esterni għall-ħażin tal-pellets; sistemi ta' trasport awtomatizzati għall-pellets, ***filtr sabiex jiġi evitat it-tixrid tat-trab tal-pellets fl-arja u fuq is-sit***;

## Emenda 79

### Proposta għal regolament

#### Anness I – paragrafu 1 – punt 7 – paragrafu 2 – punt b

*Test proposīt mill-Kummissjoni*

(b) Għall-konteniment: apparat tal-iskular imqiegħed tul ix-xifer ta' barra taż-żoni tat-tagħbija u tal-ħatt; vacuum cleaners industrijali u għodda tal-idejn għat-tindif immedjat; għotjien ***interni*** u ***esterni*** ta' drenaġġ, sistemi ta' drenaġġ tal-ilma tal-maltemp jew tal-filtrazzjoni sabiex jiġu ġestiti għargħar jew tempesti ragħonevolment prevedibbli; sistema tat-trattament tad-drenaġġ;

*Emenda*

(b) Għall-konteniment: ***trejs għat-tixrid u*** apparat tal-iskular imqiegħed tul ix-xifer ta' barra taż-żoni tat-tagħbija u tal-ħatt; ***tankijiet għaż-żamma fuq l-art bi' gradi tal-azzar taħt hotspots tat-tixrid bħal punti ta' trasferiment***; vacuum cleaners industrijali u għodda tal-idejn għat-tindif immedjat; għotjien ta' drenaġġ ***ta' ġewwa u ta' barra fuq il-katusi kollha li għandhom daqs tax-xibka iżgħar mill-iżgħar pellets li jiġu mmaniġġjati fuq is-sit***, sistemi ta' drenaġġ tal-ilma tal-maltemp jew tal-filtrazzjoni sabiex jiġu ġestiti għargħar jew tempesti ragħonevolment prevedibbli; sistema tat-trattament tad-drenaġġ;

## Emenda 80

### Proposta għal regolament

#### Anness I – paragrafu 1 – punt 7 – paragrafu 2 – punt c

*Test proposīt mill-Kummissjoni*

(c) Għat-tindif: vacuum cleaners industrijali għall-użu intern u estern; kontenituri xierqa dedikati għall-pellets irkuprati li jkunu ***koperti***, ittikkettati u magħluqin sabiex jiġi evitat aktar tixrid u telf; għodda tal-idejn (eż., xkupi, pali u xkupilji, bramel, tejps tat-tiswija); boroż tal-ġbir imsaħħha.

*Emenda*

(c) Għat-tindif: vacuum cleaners industrijali għall-użu intern u estern; kontenituri xierqa dedikati għall-pellets irkuprati li jkunu ***reżistenti għax-xokkijiet, għall-ilma, issiġillati***, ittikkettati u magħluqin sabiex jiġi evitat aktar tixrid u telf; għodda tal-idejn (eż., xkupi, pali u xkupilji, bramel, tejps tat-tiswija); boroż tal-ġbir imsaħħha.

## Emenda 81

### Proposta għal regolament

#### Anness II – paragrafu 1 – punt 1 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Eżenzjonijiet fir-rigward tal-installazzjoni ta' ċerti tipi ta' tagħmir msemmija f'dan il-punt għandhom ikunu possibbli għall-operaturi ekonomiċi li jistgħu jiġiustifikaw tali eżenzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti, b'kunsiderazzjoni tan-natura u d-daqqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha.*

*L-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi mikro għandhom iqis u tal-anqas l-elementi stabbiliti f'dan il-punt, u jqisu n-natura u d-daqqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha.*

## **Emenda 82**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness I – paragrafu 1 – punt 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-operaturi ekonomiċi għandhom ***iqis*** tal-anqas ***dan*** li ***ġej***, filwaqt li jqisu n-natura u d-daqqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha:

L-operaturi ekonomiċi għandhom ***jistabbilixxu*** tal-anqas ***il-miżuri*** li ***ġejjin***, filwaqt li jqisu n-natura u d-daqqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha:

## **Emenda 83**

### **Proposta għal regolament**

#### **Anness I – paragrafu 1 – punt 8 – paragrafu 2 – punt a**

*Test proposet mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) għall-prevenzjoni: limiti fuq il-volumi ta' pellets ittrasportati f'ċertu imballaġġ (eż., il-pellets iridu jiġu imballati u ssiġillati ***fi xkejjer*** ta' 25 kg, u mgħobbija b'mhux aktar minn tunnellata għal kull pellet); spezzjoni u manutenzjoni regolari tal-imballaġġ, tal-kontenituri u tal-faċilitajiet tal-ħażin; l-użu ta' trejs għat-tixrid taħt il-punti ta' trasferiment u matul

(a) għall-prevenzjoni: limiti fuq il-volumi ta' pellets ittrasportati f'ċertu imballaġġ (eż., il-pellets iridu jiġu imballati u ssiġillati ***f'imballaġġ*** ta' 25 kg ***reżistenti għat-tqattiġi u għall-impatt li jista' jifla*** ***għad-degradazzjoni f'ambjenti akkwatiċi***, u mgħobbija b'mhux aktar minn tunnellata għal kull pellet); spezzjoni u manutenzjoni regolari tal-imballaġġ, tal-kontenituri u tal-

it-tagħbijsa u l-ħatt; protokolli ċari għall-ftuħ, it-tagħbijsa, l-ġeluq u l-issiġillar tal-kontenituri fil-bidu u fit-tmiem tat-tagħbijsa; ittestjar fiżiku u monitoraġġ tal-effettivitā tal-proċeduri ta' prevenzjoni;

faċilitajiet tal-ħżin; l-użu ta' trejs għat-tixrid taħt il-punti ta' trasferiment u matul it-tagħbijsa u l-ħatt; protokolli ċari għall-ftuħ, it-tagħbijsa, l-ġeluq u l-issiġillar tal-kontenituri fil-bidu u fit-tmiem tat-tagħbijsa; ittestjar fiżiku u monitoraġġ tal-effettivitā tal-proċeduri ta' prevenzjoni;

## Emenda 84

### Proposta għal regolament

#### Anness I – paragrafu 1 – punt 8 – paragrafu 2 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) għall-konteniment: spezzjoni, tindif u manutenzjoni regolari tal-apparat tal-iskular; spezzjoni, tindif u manutenzjoni regolari tal-ġhotjien tal-iskular, sistemi ta' drenaġġ tal-ilma mill-maltemp jew tal-filtrazzjoni; spezzjoni u tindif regolari tal-vetturi li jitilqu u/jew jidħlu f'sit, faċilitajiet tal-ħruġ tal-ilma u reċinti ***mad-dawra tal-faċilità*** li jkunu jinsabu f'żoni pubbliċi, meta jkun applikabbli; sostituzzjoni jew tiswija immedjata ta' imballaġġ li jnixxi; kontrolli għall-imballaġġ jew il-kontenituri mkissrin u skartati għall-pellets residwi qabel ir-rimi jew it-tiswija; manutenzjoni tas-sistema tat-trattament tad-drenaġġ.

##### *Emenda*

(b) għall-konteniment: spezzjoni, tindif u manutenzjoni regolari tal-apparat tal-iskular; spezzjoni, tindif u manutenzjoni regolari tal-ġhotjien tal-iskular, sistemi ta' drenaġġ tal-ilma mill-maltemp jew tal-filtrazzjoni; spezzjoni u tindif regolari tal-vetturi li jitilqu u/jew jidħlu f'sit, faċilitajiet tal-ħruġ tal-ilma u reċinti ***mal-konfini tal-installazzjoni*** li jkunu jinsabu f'żoni pubbliċi, meta jkun applikabbli; sostituzzjoni jew tiswija immedjata ta' imballaġġ li jnixxi; kontrolli għall-imballaġġ jew il-kontenituri mkissrin u skartati għall-pellets residwi qabel ir-rimi jew it-tiswija; ***spezzjonijiet, tindif u manutenzjoni regolari*** tas-sistema tat-trattament tad-drenaġġ.

## Emenda 85

### Proposta għal regolament

#### Anness I – paragrafu 1 – punt 8 – paragrafu 2 – punt c

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) għat-tindif: il-pellets tal-plastik imxerrdin jitnaddfu minnufih sabiex jiġi evitat it-telf fl-ambjent, mhux aktar tard mit-tmiem tal-operazzjoni, u jingħabru f'kontenit apposta. Jekk ikun possibbli, il-pellets tal-plastik imxerrdin jerġgħu

##### *Emenda*

(c) għat-tindif: il-pellets tal-plastik imxerrdin jitnaddfu minnufih sabiex jiġi evitat it-telf fl-ambjent, mhux aktar tard mit-tmiem tal-operazzjoni, u jingħabru f'kontenit apposta, ***reżistenti għall-ilma, issiġillat u ttikkettat***. Jekk ikun possibbli,

jintużaw bħala materja prima sabiex titnaqqas il-ħela. Jekk il-pellets tal-plastik imxerrdin ma jkunux jistgħu jerġgħu jintużaw bħala materja prima, dawn jiġu rkuprati u jintremew f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart.

il-pellets tal-plastik imxerrdin jerġgħu jintużaw bħala materja prima sabiex titnaqqas il-ħela. Jekk il-pellets tal-plastik imxerrdin ma jkunux jistgħu jerġgħu jintużaw bħala materja prima, dawn jiġu rkuprati u jintremew f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart; ***flimkien ma' kontenituri difettużi;***

## Emenda 86

### Proposta għal regolament

#### Anness I – paragrafu 1 – punt 8 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Eżenzjonijiet biex jittieħdu l-miżuri msemmija f'dan il-punt għandhom ikunu possibbli għall-operaturi ekonomiċi li jistgħu jiġġustifikaw tali eżenzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti, b'kunsiderazzjoni tan-natura u d-daqqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha.*

*L-operaturi ekonomiċi li huma intrapriżi mikro għandhom iqisu tal-anqas l-elementi stabbiliti f'dan il-punt, u jqisu natura u d-daqqs tal-installazzjoni kif ukoll l-iskala tal-operazzjonijiet tagħha.*

## Emenda 87

### Proposta għal regolament

#### Anness I – paragrafu 1 – punt 9 – parti introduttiora

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(9) minbarra l-elementi deskritti fil-punti (1) sa (8), l-operaturi ekonomiċi li **humá** intrapriżi ta' daqs medju jew kbir u li joperaw installazzjonijiet fejn il-pellets tal-plastik fi kwantitajiet ta' aktar minn 1 000 tunnellata jkunu ġew immaniġġati fis-sena kalendarja precedingi għandhom jieħdu wkoll l-azzjonijiet li ġejjin:

(9) minbarra l-elementi deskritti fil-punti (1) sa (8), l-operaturi ekonomiċi li **ma humiex** intrapriżi mikro għandhom jieħdu wkoll l-azzjonijiet li ġejjin:

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Anness III – paragrafu 1 – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Għall-prevenzjoni: verifika matul u wara t-tagħbija u l-ħatt, li l-pellets jitneħħew kif xieraq minn barra t-tagħmir tat-trasport qabel ma jitilqu mis-sit tat-tagħbija/tal-ħatt; ***komunikazzjoni ċara*** dwar ir-rekwiżiti tal-istivar; prevenzjoni ta' kwalunkwe tnixxija, inkluż matul il-vjaġġ tat-trasport, eż., permezz tal-adegwatezza teknika tal-mezzi ***tat-trasport***, issupplimentati, jekk meħtieġ, ***b'issiġillar*** xieraq; żgur li jintuża kisi protettiv fuq eż. forklifts/tagħmir idrawliku sabiex jiġi evitat li jittaqqab l-imballaġġ; tindif regolari ***tal-kompartimenti*** tat-tagħbija ***u*** tal-kontenituri sabiex jiġi minimizzat it-telf tal-pellets imxerrdin; verifika viżiva tal-fetħiet u tal-integrità tal-kompartimenti tat-tagħbija qabel u, sa fejn ikun possibbli, matul il-vjaġġ, inkluż fit-terminals multimodali, fit-terminals ferrovjarji, fil-portijiet interni u marittimi.

*Emenda*

(1) Għall-prevenzjoni: verifika matul u wara t-tagħbija u l-ħatt, li l-pellets jitneħħew kif xieraq minn barra t-tagħmir tat-trasport qabel ma jitilqu mis-sit tat-tagħbija/tal-ħatt; ***tikkettar ċar u viżibbli sikuri***; prevenzjoni ta' kwalunkwe tnixxija, inkluż matul il-vjaġġ tat-trasport, eż., permezz tal-adegwatezza teknika tal-mezzi ***tat-trasport*** u l-kontejners, issupplimentati, jekk meħtieġ, ***b'imballaġġ*** xieraq, ***reżistenti għall-ilma, issiġillat, reżistenti għat-tqattiġi u għall-impatt li jista' jifla*** ***għad-degradazzjoni f'ambjenti akkwatċi; trejs għat-tixrid u apparat tal-iskular;*** żgur li jintuża kisi protettiv fuq eż. forklifts/tagħmir idrawliku sabiex jiġi evitat li jittaqqab l-imballaġġ; tindif ***u verifika*** regolari ***li l-kompartimenti*** tat-tagħbija ***jinsabu f'kundizzjoni tajba***, tal-kontenituri ***u tat-trejlers*** sabiex jiġi ***kkontrollat u*** minimizzat it-telf tal-pellets imxerrdin; verifika viżiva tal-fetħiet u tal-integrità tal-kompartimenti tat-tagħbija qabel u, sa fejn ikun possibbli, matul il-vjaġġ, inkluż fit-terminals multimodali, fit-terminals ferrovjarji, fil-portijiet interni u marittimi.

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Anness III – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(1a) Miziuri addizzjonali li għandhom jittieħdu u tagħmir speċifikament applikabbli għat-transport marittimu u fuq passaġġi tal-ilma interni:***

- (a) *tingħata indikazzjoni ċara tal-kontenituri li fihom pellets tal-plastik;*
- (b) *il-pellets tal-plastik jinħażnu f'kontenituri f'kundizzjoni tajba u jiġi evitati protrużjonijiet li jistgħu jqattgħu l-boroż u l-kaxxi u l-kontenituri jinħażnu fl-istiva u mhux fuq il-gverta;*
- (c) *meta titnaddaf iż-żona tal-imbarkazzjoni, il-gverta, l-istiva jew il-kontejner tal-merkanzija, jiġi kkontrollat, imnaddaf u evitat it-telf tal-pellets tal-plastik għal-ġol-ilma.*

## Emenda 90

### Proposta għal regolament Anness III – paragrafu 1 – punt 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Għall-konteniment u għat-tindif: meta jkun possibbli, tiswija ta' imballaġġ bil-ħsara (eż. bl-użu ta' bomi, barrieri u tejj) u l-konteniment tal-pellets li jifdal fil-kompartiment tat-tagħbija; il-ġbir ta' pellets imxerrdin f'kontenituri **jew f'boroż magħluqa** għar-rimi xieraq; fil-każ tat-trasport ta' pellets f'tankijiet bl-ingrossa, il-ftuħ tat-toqba/kon tal-qiegħ tat-tank tas-sajlo biss wara d-dħul fis-segment tat-tindif; is-sostituzzjoni tal-inforra tal-kontenituri biss f'żoni xierqa u mhux pubbliċi, fejn jista' jitrażżan kwalunkwe tixrid; in-notifika lill-awtoritajiet bħall-emerġenza internazzjonali u nazzjonali, jew lill-awtoritajiet ambientali, kif xieraq, mill-Istat Membru fejn seħħ l-avveniment.

*Emenda*

(2) Għall-konteniment u għat-tindif: **sostituzzjoni jew** meta jkun possibbli, tiswija ta' imballaġġ bil-ħsara (eż. bl-użu ta' bomi, barrieri u tejj) u l-konteniment tal-pellets li jifdal **fil-kontenituri jew** fil-kompartiment tat-tagħbija; il-ġbir ta' pellets imxerrdin f'kontenituri **magħluqa, reżistenti għall-ilma, ittikkettati u ssiġillati** għar-rimi xieraq; fil-każ tat-trasport ta' pellets f'tankijiet bl-ingrossa, **jintużaw trejs għat-tixrid u apparat tal-iskular xierqa qabel** il-ftuħ tat-toqba/kon tal-qiegħ tat-tank tas-sajlo biss wara d-dħul fis-segment tat-tindif; is-sostituzzjoni tal-inforra tal-kontenituri biss f'żoni xierqa u mhux pubbliċi, fejn jista' jitrażżan kwalunkwe tixrid; in-notifika **immedjata lill-awtoritajiet bħall-emerġenza internazzjonali u nazzjonali, jew lill-awtoritajiet ambientali, kif xieraq, mill-Istat Membru fejn seħħ l-avveniment.**

## Emenda 91

**Proposta għal regolament  
Anness III – paragrafu 1 – punt 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Tagħmir abbord: mill-inqas apparat tat-tidwil wieħed portabbi, għodda tal-idejn (eż. xkupi, pali u xkupilji, bramel, tejps tat-tiswija, eċċ.); kontenituri għall-ġbir magħluqa/boroż tal-ġbir imsaħħha.

*Emenda*

(3) Tagħmir abbord: mill-inqas apparat tat-tidwil wieħed portabbi, għodda tal-idejn (eż. xkupi, pali u xkupilji, bramel, tejps tat-tiswija, eċċ.); kontenituri għall-ġbir magħluqa/boroż tal-ġbir imsaħħha.

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament  
Anness III – paragrafu 1 – punt 3a (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3a) Taħriġ: jistabbilixxu programm ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ, ibbażat fuq irrwoli u r-responsabbiltajiet speċifiċi tal-impjegati, fuq il-prevenzjoni, il-konteniment u t-tindif tat-telf tal-pellets tal-plastik, l-installazzjoni, l-użu u l-manutenzjoni tat-tagħmir, il-proċeduri ta' eżekuzzjoni, kif ukoll il-monitoraġġ u r-rappor tar ta' telf tal-pellets tal-plastik.*

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament  
Anness IVa (ġidid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***ANNESS IVa***

***FORMOLA GĦAT-TRAĊĊAR TAT-TELF***

***Post tal-Inċident: [Kaxxa għat-Test]***

***Formola għat-Traċċar tat-Telf tal-Pellets***

***Data tal-Inċident: [data]***

***Ħin tal-Inċident: [ħin]***

***Post tat-Telf:***

[ ] *Żona tal-Produzzjoni*

[ ] *Żona tal-Ħżin*

[ ] *Żona tal-Manifattura*

[ ] *Trasport*

*Deskrizzjoni tat-Telf tal-Pellet:*

*[Kaxxa għat-Test]*

*Kwantità Stmata ta' Pellets Mitlufa:*

*[Kaxxa għat-Test]*

*[Kaxxa għat-Test – kwantità stmata ta' pellets mitlufa abbażi tal-metodoloġija standardizzata msemmija fl-Artikolu 13]*

*Kawża tat-Telf:*

[ ] *Ħsara fit-Tagħmir*

[ ] *Żball Uman*

[ ] *Fatturi Ambjentali jew tat-Temp (Speċifika): [Kaxxa għat-Test]*

[ ] *Oħrajn (Speċifika): [Kaxxa għat-Test]*

*Azzjonijiet Immedjati Mehħuda:*

*[Kaxxa għat-Test]*

*Miżuri ta' Tindif:*

[ ] *Knis*

[ ] *Vacuuming*

[ ] *Materjali Assorbenti*

[ ] *Konteniment*

[ ] *Rimi*

*Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali:*

[ ] *Kontaminazzjoni tal-Ħamrija*

[ ] *Kontaminazzjoni tal-Ilma*

[ ] *Kontaminazzjoni tal-Kwalità tal-Arja*

[ ] *Impatt fuq il-Fawna Selvaġġa*

*Informazzjoni tax-Xhieda (jekk applikabbli):*

*Isem: [Kaxxa għat-Test]*

*Numru ta' Kuntatt: [Kaxxa għat-Test]*

*Indirizz Elettroniku: [Kaxxa għat-Test]*

*Persuna li Tirrapporta:*

*Isem: [Kaxxa għat-Test]*

*Pożizzjoni: [Kaxxa għat-Test]*

*Numru ta' Kuntatt: [Kaxxa għat-Test]*

*Indirizz Elettroniku: [Kaxxa għat-Test]*

*Dokumenti meħmużin (eż., ritratti,  
rapporti):*

*[Applowdjar tal-Fajl]*

*Kummenti addizzjonali: [Kaxxa għat-  
Test]*

## Emenda 94

### Proposta għal regolament

#### Anness IVb (ġidid)

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	
<i>Emenda</i>	
<b>ANNESS IVb</b>	
<i>Pittogramma</i>	<i>Tikkettar għall-pellets tal-plastik</i>
<i>Kelma bħala sinjal</i>	<i>Periklu</i>
<i>Dikjarazzjoni ta' periklu</i>	<i>Ta' īxsara għall-ambjent</i>
<i>Dikjarazzjoni ta' prekawzjoni – Prevenzjoni</i>	<i>Evita r-rilaxx fl-ambjent</i>
<i>Dikjarazzjoni ta' Prekawzjoni – Rispons</i>	<i>Iġbor it-tixrid</i>
<i>Dikjarazzjoni ta' prekawzjoni – Rimi</i>	<i>Użu mill-ġidid bħala materja prima, riċiklaġġ jew rimi tal-kontenut..</i>
	<i>... f'konformità mal-liġi lokali/reġjonal/nazzjonali/internazzjonali</i>

	<i>(trid tiġi spesifikata).</i>
--	---------------------------------

## NOTA SPJEGATTIVA

Skont ir-riċerka, bħalissa hemm aktar minn żewġ miljun tunnellata ta' mikroplastiks f'wiċċ il-baħar. Id-data mill-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti tindika li kull sena jiġu prodotti aktar minn 430 miljun tunnellata ta' plastik. Żewġ terzi huma prodotti ta' ħajja qasira li malajr isiru skart, jimlew l-oċean u, ħafna drabi, jispiċċaw fil-katina alimentari tal-bniedem.

Kif tistqarr b'mod ċar il-Kummissjoni fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, li hija wkoll rikonoxxuta b'mod mifraxx mill-partijiet ikkonċernati f'dan is-settur, l-akbar problema tal-mikroplastiks mill-produzzjoni tal-pellets tal-plastik tinsab fl-immaniġġar u t-trasport ta' dawn il-prodotti. Ladarba jkunu fl-ambjent, dawn il-mikroplastiks kważi imposibbli jinqabdu. Għalhekk, l-isforzi ewlenin għandhom ikunu fuq il-monitoraġġ u l-prevenzjoni, biex jiġi evitat kwalunkwe tip ta' telf li jista' jiġi evitat.

L-impatt tal-mikroplastiks, ladarba jintilfu fl-ambjent, huwa ta' ħsara għan-natura, għall-ekosistemi u għall-bijodiversità, iżda wkoll għall-ktajjen alimentari u għas-sahħha tal-bniedem. Huma jikkontribwixxu wkoll għaż-żieda fl-emissjonijiet tal-karbonju u għandhom impatt negattiv fuq aġenti oħra li huma responsabbli għall-qbid tal-karbonju fil-baħar. Barra minn hekk, il-fatt li huma ta' daqs żgħir ħafna (mhux akbar minn 5 mm), jikkontribwixxi għall-mobbiltà għolja ħafna tagħhom, li jfisser li jistgħu faċilment jiċċaqlqu b'meżżi differenti, inklużi l-arja, l-art, l-il-mijiet tal-wiċċe u l-kurrenti tal-baħar. Jistgħu jinstabu wkoll fil-ħamrija, inkluża art agrikola, sew jekk direttament jew permezz tal-użu mill-ġdid tal-il-mijiet residwi għall-agrikoltura, li jista' jkun ta' detriment għall-kwalità tal-ħamrija, tal-konsum tal-ikel u tas-sahħha tal-bniedem.

Huwa rikonoxxut ukoll li l-pellets tal-plastik huma t-tielet sors ewleni ta' tniġġis mill-mikroplastiks permezz ta' rilaxxi mhux intenzjonati, li jinkludu wkoll żebgħa, tajers u tessuti bħala sorsi ewlenin oħra. Ir-Regolament attwali ppreżentat mill-Kummissjoni għandu l-għan li jindirizza t-tniġġis spċificu minn rilaxxi ta' pellets fl-ambjent, li għandu jiġi kkomplementat minn reviżjoni tant meħtieġa tar-regolament REACH, minbarra leġiżlazzjoni oħra rilevanti tal-UE bħal, fost l-oħrajn, l-EURO 7, l-Istrateġija għall-Plastiks, il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero.

Meta jqis l-approċċe tal-Kummissjoni, ir-Rapporteur huwa tal-fehma li dan jistabbilixxi bażi soda biex tiġi indirizzata l-isfida ewlenija, jiġifieri l-immaniġġar u t-trasport tal-pellets tal-plastik, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt komprensiva. Dan jinsisti fuq l-idea li jiż-żiedu u jittejbu l-metodi u l-istumenti ta' monitoraġġ, rapportar u ċertifikazzjoni, biex b'hekk tingħata ħarsa ġenerali aħjar lejn l-ammont totali reali tat-telf.

Jistabbilixxi wkoll l-azzjonijiet u l-miżuri differenti li għandhom jittieħdu mill-aġenti differenti tal-katina tal-valur, bħall-produtturi, l-operaturi u t-trasportaturi, kif ukoll ir-rwol tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri. Fl-istess waqt, jistabbilixxi approċċi u miri differenti skont id-daqs tal-intrapriżza, u joħloq eżenzjonijiet u jintroduċi proċeduri orħos għall-SMEs.

Madankollu, hija l-fehma tar-Rapporteur li hemm lok għal titjib tal-proposta.

L-ewwel kwistjoni ta' titjib hija d-definizzjoni tal-mikroplastiks, li hija mifhuma b'kunsens

fost il-komunità xjentifika bħala li tinkludi wkoll sustanzi fil-forma ta' trab, laqx u trab, u li tkalliet barra fil-proposta tal-Kummissjoni.

It-tieni, ir-Rapporteur irid jintroduċi l-possibbiltà ta' tnaqqis tat-tunnellaġġ fis-sena li tippermetti eżenzjonijiet skont il-proposta tal-Kummissjoni, minn 1000 tunnellata għal 250 tunnellata. L-istess loġika għandha tapplika għall-eżenzjonijiet għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, peress li r-Rapporteur jemmen li l-eżenzjonijiet proposti għandhom jaapplikaw biss għall-intrapriżi mikro. Dan huwa wkoll l-approċċ stabbilit mir-Rakkmandazzjoni tal-OSPAR.

Fl-aħħar nett, l-approċċ tar-Rapporteur dwar il-punti preċedenti ġej mill-konvinzjoni li l-miżuri preventivi, kif ukoll it-tiswija tad-difetti identifikati, huma ħafna aktar kosteffettivi għall-intrapriżi mhux biss billi jagħtu lok għal redditu fuq l-investiment fuq l-irkupru tat-telf, iżda wkoll billi jżidu l-ambizzjoni għat-tnaqqis tal-kwantità ta' mikroplastiks fl-ambjent u l-konseguenzi kollaterali kollha tagħha, inkluż għas-saħħha tal-bniedem.

Ir-Rapporteur jemmen bis-sħiħ li hemm kunsens wiesa' fis-soċjetà dwar il-ħtieġa li titnaqqas il-preżenza tal-mikroplastiks fl-ambjent. Għal din ir-ragħuni, wara r-rakkmandazzjoni tajba elaborata mill-OSPAR u l-approċċ miftuħ u d-disponibbiltà tas-settur ekonomiku biex tittejjeb il-proposta inizjali tal-Kummissjoni, dan ir-Rapport għandu l-għan li jtejjeb ir-rekwiżiti tal-prevenzjoni tat-tixrid fil-fażiċ ġollha tal-produzzjoni u l-immaniġġar tal-pellets, inkluż it-trasport, filwaqt li fl-istess ħin jiggarrantixxi salvagwardji importanti għall-kumpaniji biex ma jkunx hemm impatt sinifikanti fuq l-operazzjonijiet ekonomiċi tagħhom.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li irċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
Circulo – Associação pela Circularidade de Resíduos Especiais
Zero – Associação Sistema Terrestre Sustentável
Sciaena – Ocean # Conservation # Awareness
Minderoo Foundation Limited ATF The Minderoo Foundation Trust
Plastics Recyclers Europe
Environmental Investigation Agency
European Plastics Converters Association
Plastics Europe
Seas At Risk
The Pew Charitable Trusts
Surfrider Foundation Europe

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

21.2.2024

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik (COM(2023)0645 – C9-0378/2023 – 2023/0373(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Spyraki

### EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport:

#### Emenda 1

##### Proposta għal regolament

##### Premessa 32

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-katina tal-provvista tal-pellets jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligli rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, **madankollu jistgħu jiffaċċaw kostijiet u diffikultajiet proporzjonalment oħla meta jikkonformaw ma' xi wħud mill-obbligi.** Il-Kummissjoni jenħtieġ li **żżid is-sensibilizzazzjoni** fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni **tiżviluppa** materjali ta' tħarriġ **sabiex tgħinhom** jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-

*Emenda*

(32) **Peress li** l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) **għandhom sehem importanti** fil-katina tal-provvista tal-pellets, jenħtieġ li jikkonformaw mal-obbligli rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament, **filwaqt li jitqiesu l-isfidi differenti possibbli fil-konformità u l-kostijiet possibbli proporzjonalment oħla.** Il-Kummissjoni u **l-awtoritajiet kompetenti** jenħtieġ li **jżidu is-sensibilizzazzjoni** fost l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi dwar il-ħtieġa li jiġi evitat it-telf tal-pellets. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni **u l-awtoritajiet kompetenti jiżviluppaw**

valutazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u finanzjarju, kif ukoll **taħriġ speċjalizzat lill-SMEs**. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbi dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

materjali ta' taħriġ, *f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, biex jgħinu lill-operaturi ekonomiċi u lit-trasportaturi* jissodisfaw l-obbligi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. **Dan jenħtieġ li jsir billi titqies r-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti adottata mill-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR)**. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprovdu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza rigward il-konformità mal-obbligi u r-rekwiżiti tal-valutazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-assistenza tal-Istati Membri, din tista' tinkludi appoġġ tekniku u **taħriġ speċjalizzat lill-persunal kollu li jimmaniġġja il-pellets, appoġġ finanzjarju u aċċess għall-finanzjament għall-intrapriżi mikro u żgħar** kif ukoll installazzjonijiet li jimmaniġġjaw il-pellets tal-plastik fi kwantitajiet iż-ġħar. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbi dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ dwar l-implementazzjoni tajba tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti.

*Emenda*

1. *Sa 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa materjal ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ dwar l-implementazzjoni tajba tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Dan għandu jsir billi titqies ir-Rakkomandazzjoni mhux vinkolanti adottata mill-partijiet għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal (OSPAR), f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-operaturi ekonomiċi, tat-trasportaturi, u taċ-ċertifikaturi, inklużi l-intrapriżi mikro,*

żgħar u ta' daqs medju, *is-sħab soċjali, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti. Il-fondi għat-taħriġ vokazzjonali sejkun disponibbli biex jiġu żviluppati materjali ta' taħriġ, li jistgħu jieħdu l-forma ta' gwidi u korsijiet, jagħmlu użu minn firxa ta' formati u metodi ta' twassil, u għandhom jitfasslu b'mod li jimmassimizzaw l-il-huq u l-aċċessibbiltà bl-għan li jkun hemm adozzjoni effettiva mis-settur fil-mira.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagraphu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi, **speċjalment l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju**, jiksbu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi u t-trasportaturi jiksbu aċċess għall-informazzjoni u l-assistenza fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament.

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagraphu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-assistenza msemmija fl-ewwel subparagraphu tista' tieħu l-forma ta':

*Emenda*

Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, l-assistenza msemmija fl-ewwel subparagraphu **għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju** tista' tieħu l-forma ta':

### Emenda 5

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagraphu 2 – punt -a (ġdid)

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*-a taħriġ speċjalizzat għall-persunal maniġerjali u għall-persunal, inkluża l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' taħriġ;*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt -aa (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*-aa assistenza organizzazzjonali u teknika.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġidid)**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Barra minn hekk, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbi dwar l-għajnuna mill-Istat, l-assistenza msemmija fl-ewwel subparagrafu għall-intrapriżi mikro u żgħar kif ukoll għall-installazzjonijiet li jidher jipprox il-pellets tal-plastik fi kwantitatiet taħt il-limitu deskritt fl-Artikolu 4(2) tista' tieħu wkoll il-forma ta':*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b**

*Test propos mill-Kummissjoni*

*Emenda*

aċċess għal *finanzi*;

*(b) aċċess għal *finanzjament, inkluż biex jiġi appoġġjat l-akkwist tat-tagħmir meħtieġ sabiex tinkiseb il-konformità,**

## **Emenda 9**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagraphu 2 – punt c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(c) ġestjoni speċjalizzata u taħriġ tal-persunal;* *imħassar*

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagraphu 2 – punt d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(d) assistenza organizzazzjonali u teknika.* *imħassar*

## **Emenda 11**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom **jinkoraġġixxu** programmi ta' taħriġ għall-kwalifika tal-persunal taċ-ċertifikaturi.

3. L-Istati Membri għandhom **jiżguraw id-disponibbiltà ta'** programmi ta' taħriġ għall-kwalifika tal-persunal taċ-ċertifikaturi.

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

il-ħtiġijiet spċifici tal-intrapriżi mikro, żgħar u **medji**.

(d) il-ħtiġijiet spċifici **u r-restrizzjonijiet strutturali** tal-intrapriżi mikro, żgħar u **ta' daqs medju**.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RČEVIEKT KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
Plastics Recyclers Europe
EURIC
EUPC
SURFRIDER
CEPI
European Plastics Converters
Plastics Europe
Surfrider Foundation Europe
Seas-at-risk

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur għal opinjoni.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0645 – C9-0378/2023 – 2023/0373(COD)
<b>Kumitat responsabbi</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 23.11.2023
<b>Opinjoni(jet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 23.11.2023
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	14.12.2023
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Maria Spyrali 4.12.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.2.2024
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0: 49 1 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Marc Botenga, Markus Buchheit, Cristian-Silviu Buşoi, Maria da Graça Carvalho, Beatrice Covassi, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Pilar del Castillo Vera, Martina Dlabajová, Francesca Donato, Christian Ehler, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Christophe Grudler, Henrike Hahn, Robert Hajšel, Ivars Ijabs, Andrius Kubilius, Marisa Matias, Eva Maydell, Georg Mayer, Marina Mesure, Ville Niinistö, Johan Nissinen, Mauri Pekkarinen, Mikuláš Peksa, Morten Petersen, Clara Ponsatí Obiols, Manuela Ripa, Robert Roos, Sara Skyttedal, Maria Spyrali, Grzegorz Tobiszowski, Isabella Tovaglieri, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laura Ballarín Cereza, Klemen Grošelj, Martin Hojsík, Adam Jarubas, Alin Mituța, Ivan Štefanec, Angelika Winzig
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Robert Biedroń, Maria Grapini, Catherine Griset, Niclas Herbst

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>49</b>	<b>+</b>
ECR	Johan Nissinen, Robert Roos, Grzegorz Tobiszowski
ID	Markus Buchheit, Catherine Griset, Georg Mayer
NI	Clara Ponsatí Obiols
PPE	Hildegard Bentele, Tom Berendsen, Vasile Blaga, Cristian-Silviu Bușoi, Maria da Graça Carvalho, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Niclas Herbst, Adam Jarubas, Andrius Kubilius, Eva Maydell, Sara Skyttedal, Maria Spyrački, Ivan Štefanec, Pernille Weiss, Angelika Winzig
Renew	Nicola Danti, Martina Dlabajová, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Martin Hojsík, Ivars Ijabs, Alin Mituța, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen
S&D	João Albuquerque, Laura Ballarín Cereza, Robert Biedroń, Beatrice Covassi, Josianne Cutajar, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, María Grapini, Robert Hajsel, Carlos Zorrinho
The Left	Marc Botenga, Marisa Matias, Marina Mesure
Verts/ALE	Henrike Hahn, Ville Niinistö, Mikuláš Peksa, Manuela Ripa

<b>1</b>	<b>-</b>
NI	Francesca Donato

<b>1</b>	<b>0</b>
ID	Isabella Tovaglieri

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Il-prevenzjoni tat-telf tal-pellets tal-plastik biex jitnaqqas it-tniġġis mill-mikroplastik
<b>Referenzi</b>	COM(2023)0645 – C9-0378/2023 – 2023/0373(COD)
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	16.10.2023
<b>Kumitat responsabblī</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 23.11.2023
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE TRAN 23.11.2023 23.11.2023
<b>Opinjoni(jet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	TRAN 25.10.2023
<b>Kumitati assoċjati</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 14.12.2023
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	João Albuquerque 27.11.2023
<b>Eżami fil-kumitat</b>	11.1.2024
<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.3.2024
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 71 - : 5 0 : 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Catherine Amalric, Margrete Auken, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Nathalie Colin-Oesterlé, Maria Angela Danzi, Christian Doleschal, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Hélène Fritzon, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Jan Huitema, Adam Jarubas, Karin Karlsbro, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Javi López, César Luena, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Lydie Massard, Liudas Mažylis, Marina Mesure, Tilly Metz, Dolors Montserrat, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Henk Jan Ormel, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Laurence Sailliet, Silvia Sardone, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyrali, Edina Tóth, Achille Variati, Nikolaj Villumsen, Anders Vistisen, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska, Stefania Zambelli
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	João Albuquerque, Mercedes Bresso, Milan Brglez, Catherine Chabaud, Rosanna Conte, Nicolás González Casares, Ska Keller, Stelios Kympouropoulos, Massimiliano Salini, Andrey Slabakov, Vincenzo Sofo, Tomislav Sokol, Susana Solís Pérez, François Thiollet
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karolin Braunsberger-Reinhold, Sylvie Brunet, Marie Dauchy, Maria-Manuel Leitão-Marques
<b>Data tat-tressiq</b>	22.3.2024

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>71</b>	<b>+</b>
ECR	Joanna Kopcińska, Andrey Slabakov, Vincenzo Sofo, Alexandr Vondra, Anna Zalewska
NI	Maria Angela Danzi, Ivan Vilibor Sinčić, Edina Tóth
PPE	Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Karolin Braunsberger-Reinhold, Nathalie Colin-Oesterlé, Christian Doleschal, Adam Jarubas, Stelios Kympouropoulos, Peter Liese, Elżbieta Katarzyna Łukacjewska, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Henk Jan Ormel, Jessica Polfjärd, Laurence Sailliet, Massimiliano Salini, Tomislav Sokol, Maria Spyrali, Pernille Weiss, Stefania Zambelli
Renew	Catherine Amalric, Sylvie Brunet, Catherine Chabaud, Martin Hojsík, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Susana Solís Pérez, Emma Wiesner, Michal Wiezik
S&D	João Albuquerque, Marek Paweł Balt, Mercedes Bresso, Milan Brglez, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Cyrus Engerer, Hélène Fritzon, Nicolás González Casares, María-Manuel Leitão-Marques, Javi López, César Luena, Sándor Rónai, Günther Sidl, Achille Variati, Tiemo Wölken
The Left	Malin Björk, Anja Hazekamp, Marina Mesure, Nikolaj Villumsen, Mick Wallace
Verts/ALE	Margrete Auken, Bas Eickhout, Ska Keller, Lydie Massard, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan, Jutta Paulus, François Thiollet

<b>5</b>	<b>-</b>
ID	Rosanna Conte, Marie Dauchy, Catherine Griset, Silvia Sardone, Anders Vistisen

<b>1</b>	<b>0</b>
ECR	Teuvo Hakkarainen

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni